Kunsill Nazzjonali Anzjani
1992
NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 122** **April - Awwissu 2026**



**Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jawgura lilkom u lill-familjari tagħkom l-Għid it-Tajjeb**

Kunsill Nazzjonali Anzjani
1992

## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**Ser tinżamm it-Tlieta 21 t'April 2026**
**Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani,**
**Triq Dom Mawru Inguanez, B'Kara**
**Fid-9:00 ta' filgħodu**

**L-ANZJANI HUMA MISTIEDNA JATTENDU**

# L-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fost l-Anzjani: Opportunitajiet u Sfidi



M'hemmx dubju li l-Intelliġenza Artifiċjali (AI) saret suġġett li kulħadd qiegħed jitkellem dwarha u llum qed issir parti mill-ħajja ta' kuljum. Filwaqt li ħafna drabi d-diskussjoni dwar l-AI tiffoka fuq il-vantaġġi li toffri lill-industriji u negozji, hemm dimensjoni importanti li qed tikber b'mod partikolari: ir-relazzjoni bejn l-AI u l-anzjan. F'pajjiż fejn il-proporzjon ta' persuni 'l fuq minn 65 sena qed jiżdied b'mod konsistenti, l-AI tista' toffri ħafna opportunitajiet.

Waħda mill-akbar opportunitajiet tal-AI hija l-promozzjoni ta' "ageing in place", jiġifieri fejn l-anzjani jibqgħu jgħixu fil-kumdità tad-djar tagħhom b'mod indipendenti u sigur. Sistemi intelliġenti fid-dar, bħal *sensors* li jindunaw b'moviment mhux tas-soltu u apparat li jinduna b'waqgħat, jistgħu jnaqqsu r-riskji u jipprovdu twissijiet f'ħin reali lill-familjari jew lis-servizzi tas-saħħa. F'kuntest Malti, fejn il-familja tibqa' ċ-ċentru tas-sapport, dawn it-teknoloġiji jistgħu jsaħħu s-serħan il-moħħ kemm tal-anzjan kif ukoll tal-qraba tagħhom.

Barra minn hekk, l-AI tista' tintuża bħala estensjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura fil-komunità. Assistent virtwali jista' jfakkar lill-persuna tieħu l-mediċini tagħha, jgħin fl-iskedar ta' appuntamenti jew jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar kundizzjonijiet kroniċi. L-użu ta' dawn l-assistenti virtwali joffri ħafna benefiċċji oħra: b'permezz ta' dan l-apparat wieħed jista' jixgħel u jitfi d-dawl jew *appliances* permezz tal-vuċi, iċempel b'mod awtomatiku, jagħmel *alarms*, jisma' aħbarijiet u kotba (*audio books*), kif ukoll mużika. Dan l-apparat ma jiswiex ħafna flus u jista' joffri qabża kbira fil-ġlieda kontra l-iżolament soċjali.

Benefiċċju ieħor importanti tal-AI huwa l-appoġġ fil-funzjoni konjittiva u fil-prevenzjoni tad-deterjorament mentali. L-AI tista' tintuża biex toffri attivitajiet personalizzati li jistimulaw il-memorja, il-konċentrazzjoni u l-ħsieb kritiku. Applikazzjonijiet ibbażati fuq algoritmi intelliġenti jistgħu jadattaw il-livell ta' diffikultà skont il-prestazzjoni tal-anzjan, u b'hekk jipprovdu sfida adattata għall-kapaċitajiet individwali. Dan huwa partikolarment rilevanti f'kuntest ta' prevenzjoni jew tnaqqis li jiprogressa l-kundizzjonijiet bħal stadji bikrin ta' dimensja. Barra minn hekk, sistemi intelliġenti jistgħu jsegwu bidliet fl-imġiba ta' kuljum, bħal tnaqqis fl-attività, bidliet fil-mudell tal-irqad jew diffikultajiet fil-komunikazzjoni. Dawn l-indikaturi, meta analizzati b'mod xieraq, jistgħu jwasslu għal intervent bikri minn professjonisti tas-saħħa jew familjari. F'dan is-sens, l-AI ma tkunx biss għodda ta' reazzjoni, iżda wkoll mekkaniżmu ta' prevenzjoni.

Minkejja dawn il-benefiċċji ma nistgħux ma nsemmux l-sfidi li joffri l-AI. Nibda bil-kwistjoni tal-litteriżmu diġitali. Għalkemm f'Malta l-użu tal-*Internet* fost dak tal-età aktar minn 55 sena jlaħħaq għal aktar minn 77% xorta fadal parti mill-popolazzjoni anzjana li għadha tħoss diffikultà tuża teknoloġija bażika. Bl-AI dan jimmanifesta ruħu aktar speċjalment li l-AI tista' tkun aktar kumplessa biex tużaha u allura dan joħloq riskju ta' *digital divide* fejn parti mis-soċjetà tibqa' eskluża minn servizzi innovattivi.

It-tieni sfida hija l-fiduċja. Ħafna *surveys* qed juru li l-anzjani jesprimu tħassib dwar privatezza, protezzjoni tad-data u l-eżattezza tal-informazzjoni ġġenerata mill-AI. F'qasam sensittiv bħas-saħħa, informazzjoni mhux preċiża jew mhux verifikata tista' twassal għal konsegwenzi serji. Għalhekk, it-trasparenza u l-edukazzjoni huma essenzjali.

Fl-aħħar nett hemm dimensjoni etika: kif niżguraw li l-AI tibqa' għodda ta' appoġġ u mhux sostitut tar-relazzjoni umana? Il-kura tal-anzjani hija mibnija fuq empatija, kuntatt personali u ġudizzju kliniku. L-AI tista' ssaħħaħ dawn l-elementi, iżda qatt m'għandha tissostitwihom.




L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità diġà bdiet tħares lejn kif dawn it-teknoloġiji jistgħu jkunu ta' gwadann fil-promozzjoni ta' anzjanità attiva, sigura u dinjituża. Però bħala persuna li rriċerkat dan il-qasam l-implimentazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji trid tkun akkumpanjata minn qafas ċar ta' governanza, edukazzjoni u protezzjoni tal-utent f'dan il-każ l-anzjan. Mhux biżżejjed li ndaħħlu s-sistemi; irridu niżguraw li l-anzjani jifhmuhom, jafdawhom u jużawhom b'mod sigur. Ha nkomplu ninvestu fil-litteriżmu diġitali u fiż-żmien li ġej ser inkunu qegħdin noħorġu linji gwida dwar l-użu tajjeb ta' dawn it-teknoloġiji. L-AI għandha tkun għodda li ssaħħaħ id-dinjità u l-awtonomija, mhux li toħloq dipendenza jew esklużjoni ġdida.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Text Layout & Distribution:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony De Giovanni

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju u Segretarju Internazzjonali:**
Emanuel Deguara

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Andrè Vassallo Grant

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Mary Farrugia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Lino Debono
Anthony Grech
Emanuel Grima
Alfred Mallia
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Josiah Grech

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ħbieb anzjani, insellmilkom.

Waħda mara rat tliet anzjani barra d-dar tagħha. Fetħet il-bieb u qaltilhom: "Skużawni, ma nafkomx imma qed nara li ilkom hawn ftit tal-ħin mhux ħażin. Naħseb li ffjakkajtu. Jogħġobkom tgħaddu ġewwa u titrejqu ftit?"

Wieħed minnhom staqsa: "Ir-raġel tiegħek hawn qiegħed?"

"Le," weġbitu; "mar qadja."

"Mel' aħna ma nistgħux nidħlu!" qalulha.

Meta semgħet hekk, il-mara daħlet 'il ġewwa imma ma qagħditx kwieta u, malli żewġha ġie lura, qaltlu x'kien ġara. Ir-raġel qalilha biex tmur tgħidilhom li hu kien id-dar u, allura, issa, jistgħu jidħlu u jieklu xi ħaġa. Hija reġgħet marret u qaltilhom: "Ir-raġel ġie u qed jistedinkom tidħlu tieklu bukkun magħna."

It-tliet anzjani weġbuha li huma ma jidħlux f'dar it-tlieta f'daqqa. Meta staqsiethom għala, wieħed mill-anzjani pponta sebgħu lejn wieħed minn sħabu u qalilha: "Dan jismu Ġid. Jekk jidħol hu, darkom tkun dejjem mimlija bil-ġid." Wara dan, ipponta sebgħu lejn l-anzjan l-ieħor u qal: "U dan jismu Suċċess. Jekk jidħol hu, intom ikollkom suċċess f'kull ħaġa li tagħmlu." Imbagħad, introduċa lilu nnifsu u qal: "Jien jisimni Imħabba. Jekk nidħol jien, darkom tkun dejjem mimlija bl-imħabba. Mur iddiskuti dak li għidtlek mar-raġel," kompla jgħidilha l-anzjan, "u araw lil min minna tridu jidħol ġewwa darkom!"

Ir-raġel feraħ u qal: "Ejja nistiednu l-Ġid ħa jidħol u jimla darna bil-ġid!"

Martu ma qablitx u staqsiet: "Għala ma nistednux is-Suċċess u, b'hekk, immorru tajjeb f'kulma nagħmlu?"

Binthom, li kienet qed tisma', issuġġeriet hekk: "Ma jkunx aħjar jekk nistiednu l-Imħabba ġewwa darna u ngħixu fl-imħabba għal dejjem?"

Il-missier u l-omm qablu ma' dan il-parir għaqli u l-mara reġgħet ħarġet barra u staqsiet: "Liema wieħed minnkom huwa l-Imħabba? Idħol int, għall-inqas," qaltlu, "ladarba qed tgħidu li ma tistgħux tidħlu lkoll!"

Imħabba qam u beda miexi lejn id-dar. Fl-istess waqt, iż-żewġ anzjani l-oħra qamu u bdew mexjin warajh ukoll. Meta rat hekk, il-mara stagħġbet u qalet: "M'għidtulix li ma tistgħux tidħlu kollha flimkien? Aħna, għalhekk tlabna biss lil Imħabba! Kif issa deħlin kollha?"

L-aktar wieħed anzjan fost it-tlieta, bi tbissima ta' sodisfazzjon fuq wiċċu, qalilha: "Kieku stedintu l-Ġid jew is-Suċċess, it-tnejn l-oħra kien ikollhom jibqgħu barra. Imma, ladarba intom kontu tant għaqlin u ppreferejtu l-Imħabba, kull fejn hemm l-imħabba, aħna nkunu warajh."

Kemm hemm tassew x'nixtarru fi kliem l-anzjani tagħna hux? Din l-istorja tgħallimna li, kull fejn hemm l-imħabba, il-ġid u s-suċċess jiġu waħedhom! U, kliem ix-xiħ, żomm fih! Kieku dejjem nagħmlu l-għażliet it-tajbin, kieku l-ħajja fil-familja tkun wisq aħjar; il-ħajja fis-soċjetà tkun ferm aħjar u l-ħajja tagħna fid-dinja tkun aħjar ukoll.

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Kif tiżdied il-Pensjoni tiegħek minn Sena Għal Sena

***Kitba ta' Emanuel Deguara***



Ħbieb, merħba, qegħdin nergħu niltaqgħu permezz tal-Magazin tagħna l-Anzjani, u ta' dan nirringrazzjaw lil Mulej.

Fil-vjaġġ tagħna llum, il-mixja wasslitna biex inkunu nafu xi ħaġa dwar kif tiżdied il-pensjoni tagħna minn sena għal sena. Ser nitkellmu fuq ir-reviżjoni tal-pensjoni, li għandha ssir skont il-liġi kull l-ewwel Sibt ta' Jannar. Il-liġi tal-pensjonijiet taħseb li biex il-pensjonant ma jaqax lura, għandha ssirlu reviżjoni kull sena.

Fil-prinċipju għandha ssir reviżjoni lil kulħadd, għandu kemm għandu pensjoni, minn dawk li għandhom l-inqas pensjoni, pensjoni minima, sa dawk li għandhom l-għola pensjoni, il-pensjoni massima.

l-inqas żieda li jista' jkollu pensjonant kull sena, hija ż-żieda li toħrog biex tagħmel tajjeb għal għoli tal-ħajja (il-cola), li din is-sena kienet ta' €10 fil-ġimgħa. Żidiet oħra huma skont kemm ikun żdied is-salarju kurrenti skont l-iskala u l-grad li l-pensjonant ikun laħaq sa qabel ġie intitolat għal pensjoni, u li jkunu l-aħjar pagi li fuqhom tkun inħadmitlu l-pensjoni tiegħu. U dan is-salarju kurrenti din is-sena jista' jitla' sa €25,500.00 għal dawk li twieldu qabel is-sena 1962 u sa €29,083.36 għal dawk li twieldu mis-sena 1962 'il quddiem.

Il-liġi taħseb ukoll f' dawk li kellhom pagi baxxi meta kienu fid-dinja tax-xogħol u kull sena tiddetermina l-inqas salarju kurrenti li fuqu trid tigi riveduta l-pensjoni tagħhom, dak li jgħidulu d-dħul pensjonabbli minimu, li din is-sena huma €16,124.94 (rata ta' miżżewġin) u €14,895.66 (rata Singola).

Ejja issa nieħdu eżempju ħalli dak li jkun ikun jista' jifhem aħjar:

Eż 1 Nieħdu xi ħadd li spiċċa bil-paga ekwivalenti, meta mqabbla mal-Pagi tal-impjegati mal-Gvern ta' skala 11 punt 5. Il-paga kurrenti 2026 ta' skala 11 punt 5 hija ta' €26,936.00 fis-sena. Peress li din il-paga taqbeż id-dħul massimu nazzjonali għas-sena 2026, li huwa ta' €25,500.00, ir-rata ta' din is-sena ser tkun ta' €25,500.00 x (2/3) u niddivudha bi 52, li tiġi €326.92 fil-ġimgħa.

Ez 2 Issa nieħdu lil xi ħadd li kellu pagi baxxi għaliex kien fi skala 18 punt 6 meta mqabbla mal-pagi tal-Gvern, li llum issarraf fi €15,908.00 fis-sena. Din il-paga hija inqas mid-dħul minimu Nazzjonali għal din is-sena, €16,124.94 għal persuna miżżewġa. Mela din il-persuna tkun intitolata għal €16,124.94 x (2/3) u niddividu bi 52, li tiġi €206.73 fil-ġimgħa.

Ez 3 Nieħdu issa lil xi ħadd li kellu paga li la taqbeż il-massimu tad-dħul pensjonabbli u anqas ma hija inqas mid-dħul minimu Nazzjoanli, u kien fuq skala 17 punt 8 skont il-pagi tal-Gvern, li fis-sena 2026 issarraf għal €17,699.00 fis-sena. Mela għal din is-sena rridu nagħmlu €17,699.00 x (2/3) u niddividu bi 52 u tirriżulta rata ta' €226.91 fil-ġimgħa.

Mela għal-lum tajtkom idea kif issir ir-reviżjoni tagħkom tal-pensjoni kull sena, tajtkom il-kalkoli bl-iżjed mod sempliċi li stajt biex tifhmuni aħjar. Ir-rati jistgħu jvarjaw xi ftit minn persuna għal oħra fejn dawk il-persuni jkollhom pagi li jikbru ħafna minn sena għal sena f'dawk is-snin tal-aħjar 3 snin mill-aħħar għaxra li tkun inħadmitilhom il-pensjoni tagħhom, għaliex eżempju jkunu ħadu promozzjoni fl-aħħar snin.

Għal-lum ngħidilkom saħħa u sliem u nittama li niltaqgħu fil-ħarġa tal-magażin ta' wara dan. Sa dan it-tant nixtiqilkom saħħa u kuntentizza u ħudu ħsieb saħħitkhom f'dak kollu li tagħmlu.

# Il-Malti Ħafif Rixa



*Kitba ta' Anthony Cardona, B.A. M.A. S.Th.D.*

**Fejn se npoġġi dik l-imbierka GĦ?** (It-tielet u l-aħħar parti)
Issa sew għax wasalna għas-serjetà! L-aħħar darba ma qalilniex li se jkollna *test*? Ara jien għadnix tajjeb biex nagħmel it-testijiet, fi xjuħiti! Imma, ejja naraw! Kellna żewġ lezzjonijiet fuq dik l-imbierka GĦ; waħda dwar il-verbi tal-ewwel forma u l-oħra fuq dawk tat-tielet forma. Ħa naraw jekk fhimtx sew, jew aħjar, jekk daħħalthomx f'moħħi dawk ir-regoli. Jekk niftakar sew, kien qalilna li, fejn tiġi l-R fil-mudell, tiġi l-GĦ fil-kelma tiegħi. Faċli hux! Imma aħjar ma nikkommettix ruħi li ma mmurx naqa' għaċ-ċajt. Ħalli naraw dan it-*test* xi jkun? U le ħafif jidher!

**1. Imla l-vojt fuq il-mudell SeRaQ**
(LaGĦaB) Aħna qed _________ bil-ballun.
(LaGĦaB) Mela l-bieraħ intom ma ________ Monopoli?
(XeGĦeL) Kemm hawn dlam! Tridunix __________ sulfarina?
(XeGĦeL) Malli jiena __________ id-dawl, inqatgħet il-bozza.
(BaGĦaT) Huma se __________ r-rigal lill-għarusa.
(BaGĦaT) Lina __________ l-ittra l-bieraħ.
(QaGĦaD) Ejjew __________ nilagħbu!
(QaGĦaD) Tridx __________ ftit bilqiegħda biex tistrieħ?

**2. Aqleb għall-Malti**
We will send you a postcard. Se __________ kartolina.
We are not going to play with you. Mhux se __________ magħkom.
Switch on the light, please. Jekk jogħġbok, __________ id-dawl.
We watched television yesterday. Il-bieraħ _________ naraw it-televixin.
They went to live in England. Huma marru __________ l-Ingilterra.

**3. Imla l-vojt bil-verb adattat fuq il-mudell BieRek**
They put their hands in their pockets. (QieGĦeD) Huma ______ jdejhom fil-but.
They went further away from us. (TbieGĦeD) Huma ______ minna.
His father made him obey. (ĠieGĦeL) Missieru _____ jobdi.
He promised them to return. (WieGĦeD) Huwa ______ li jiġi lura.
The house shook during the earthquake (TrieGħed) Id-dar _____ waqt it-terremot.

**4. Imla l-vojt**
Is-seftura (QieGĦeD) ______ il-platti fuq il-mejda u rranġat it-tvalja. Meta waslu l-mistidnin, aħna (XeGĦeL) ______ d-dawl u kulħadd poġġa bilqiegħda fuq is-sufan. "Issa nagħmlilkom xi ħaġa x'tixorbu" għidtilhom, "u, imbagħad, (QaGĦaD) ______ (LaGĦaB) ______ l-karti. Imma, min jitlef, jaqla' kastig u, jekk il-mistoqsijiet li nistaqsuh ma (WieĠeB) ______ tajjeb, jitlef kollox." B'xorti ħażina, tlift jien għax ma kontx naf (WieĠeB) ______ dawk il-mistoqsijiet tqal u, allura, bħala kastig, kelli (QaGĦaD) ______ f'rokna waħdi u (BieGĦeD) ______ minn kulħadd.

Għall-erwieħ! Nittama li mort tajjeb. Insomma, ħa ngħiduha; jekk għamilt xi qassata għax ma fhimt xejn mhux se taqa' d-dinja imma, jekk ġibthom kollha tajbin, allura, ħaqqni tassew prosit. Aħjar pass 'il quddiem milli timxi b'lura. Dak inħalluh għall-granċijiet! Mhux hekk?



## Limerikk

Kien hemm waħda mara mid-Dwejra
saret ħadra ħaxix bis-suffejra.
Wieħed, m'għandux minn nies,
għallielha l-bużbież
u, flok ġiet 'il quddiem, baqgħet sejra.

*Vincent Piccinino*

# John Fitzgerald Kennedy 1917 – 1963

***Kitba ta' Salv Sammut***



John Fitzgerald Kennedy għex matul is-seklu għoxrin u huwa wieħed mill-aktar presidenti magħrufin li qatt kellha l-Istati Uniti. Dan hu dovut għall-fatt li huwa kien l-iżgħar president elett kif ukoll minħabba li kien immortalizzat permezz tal-assassinju tiegħu.

Twieled fid-29 ta' Mejju 1917 fi Brookline, Massachusetts. Kien it-tieni wild fost disat aħwa minn familja għanja li l-oriġini tagħha kien Irlandiż. Fi tfulitu, l-istudji tiegħu kienu interrotti minn marda imma xorta daħal fi Princeton u Harvard *College*. Matul it-tieni Gwerra Dinjija, waqt li kien fuq il-*patrol boat* PT-109, vapur tal-gwerra Ġappuniż daħal fihom imma, għalkemm l-iskoss li ħa meta ġie għal dahru fuq il-gverta tal-bastiment reġa' kebbislu l-uġigħ ta' tfulitu, Kennedy irnexxielu jsalva.



Iżżewweġ lil Jacqueline Lee Bouvier u, minnha, kellu erbat itfal li, tnejn minnhom, mietu fit-tfulija tagħhom. Kien magħruf li kien ħabib tal-attriċi kontroversjali, Marylene Monroe, u għajdut persistenti assoċjah mhux biss magħha imma wkoll ma' avventuri amorużi oħrajn barra ż-żwieġ.

Wara s-servizz militari fil-*United States Naval Reserve* waqt it-Tieni Gwerra, Kennedy irrappreżenta l-ħdax-il distrett ta' Massachusetts fil-Kamra tar-Rappreżentanti Amerikana bħala Demokratiku bejn l-1947 u l-1953. Susseġwentement, kien elett fis-Senat Amerikan u serva bħala *Senior Senator* ta' Massachusetts mill-1953 sal-1960. Fl-elezzjoni presidenzjali tal-1960, John Fitzgerald Kennedy għeleb lil Viċi-President, u kandidat Repubblikan, Richard Nixon. Ta' tlieta u erbgħin sena, Kennedy kien l-iżgħar President elett u t-tieni President l-aktar żagħżugħ wara Theodore Roosevelt li, bħala Viċi-President, kien laħaq President meta kellu biss tnejn u erbgħin sena wara l-assassinju ta' William McKinley fl-1901. Sal-1960, Kennedy kien l-ewwel president imwieled fis-seklu għoxrin u, sal-lum, għadu l-uniku president Kattoliku Ruman kif ukoll l-uniku president li rebaħ il-*Pulitzer Prize* għal bijografija tiegħu, *Profiles in Courage*.

F'Novembru tas-sena 1963, ġewwa Dallas, fl-istat ta' Texas, John Kennedy kien assassinat minn żewġ tiri f'rasu, sparati minn Harvey Lee Oswald mis-sitt sular ta' skola. Il-fehma ta' bosta studjużi, u tal-pubbliku, hija li Harvey Lee Oswald ma kienx waħdu fl-assassinju ta' Kennedy imma kien parti minn komplott sħiħ. Sa mis-snin sittin, tagħrif li jikkonċerna l-ħajja privata ta' Kennedy ħareġ fil-beraħ meta, flimkien ma' problemi ta' saħħa, kien hemm ukoll allegazzjonijiet ta' infedeltà. Minkejja dan, skont stħarriġ tal-opinjoni pubblika dwar liema kien l-aħjar President Amerikan, John F. Kennedy baqa' jgawdi l-ogħla post; kemm fost l-istoriċi kif ukoll mal-pubbliku ġenerali, b'sebgħin fil-mija jsostnu li Kennedy kien l-aħjar wieħed.

Minbarra li wettaq riformi ekonomiċi f'pajjiżu kif ukoll li kien favur id-drittijiet ċivili tas-suwed, Kennedy jibqa' magħruf għad-diskors inawgurali tiegħu, għad-diskors li kien għamel qaddiem il-ħajt ta' Berlin, għall-konflitt bejn l-Amerika u Cuba, għall-bidu tal-era spazjali (meta bassar li, fi żmien għaxar snin, l-Amerikani kienu ser jinżlu fuq il-qamar) u anki għall-bidu tal-gwerra tal-Vjetnam. Waħda mill-frażijiet famużi ta' Kennedy li baqgħet tissemma hija: *Victory has a thousand fathers but defeat is an orphan*. Ir-rebħa għandha elf missier imma t-telfa hija orfni.

**Interpretazzjoni**

Fost l-istinti tal-bniedem, hemm wieħed li ġieli jiddistingwi ruħu aktar mill-oħrajn. Dan huwa l-egoiżmu, li jisboq l-istinti l-oħrajn b'mod negattiv; l-istint li jġiegħel individwu jkejjel b'xibru, jaħseb biss għal rasu u jiġi jaqa' u jqum mill-oħrajn. L-ewwel jien, imbagħad jien u, jekk jibqa', nerġa' jien. Dan l-istint iwassal lill-bniedem biex jinsa kull sens ta' proporzjon u ta' mogħdrija. Ibiegħdu mis-sbuħija tal-altruwiżmu u jidħol f'dinja li, fiha, jgħix hu biss. Imma l-egoiżmu mhuwiex biss dak meta wieħed jaħseb għal rasu. Hemm tip ta' egoiżmu ieħor li, lill-bniedem, ineżżgħu minn kull għelm ta' rġulija; in-nuqqas ta' solidarjetà li għandha tintwera meta xi ħadd ma jibqax fuq il-pedestal li kien fuqu qabel. X'inhi s-solidarjetà wara kollox? Is-solidarjetà timmanifesta ruħha meta wieħed jieqaf minn dak li jkun qed jagħmel biex jiddedika



ftit ħin għal min ikun għaddej minn mument ħażin; biex jagħder fin-niket, ifarraġ fid-dwejjaq, joħroġ idejh biex iwieżen u joffrilu spalltu biex iserraħ fuqha. Huwa f'sitwazzjonijiet ta' dwejjaq u ta' niket meta l-aktar li jispikka l-altruwiżmu; meta l-bniedem juri s-solidarjetà tiegħu fil-prattika.

Jekk niflu l-istorja tal-umanità, insibu ħemel eżempji ta' nuqqas ta' ħeġġa biex ngħinu sal-aħħar lil min ikun f'xi saram. Sakemm Sansun kien għadu b'saħħtu, kellu poplu sħiħ warajh u l-Filistini kienu jitwerwru minnu. Kien l-eroj ta' żmienu u kellu bosta ammiraturi li kienu jqisuh bħala t-tarka tal-poplu Iżraelit. Imma, meta mara ttradietu u spiċċa l-ħabs, waħdu u mingħajr dawl, ma sab lil ħadd biex ifarrġu. Sakemm kien b'saħħtu u rebbieħ, Sansun kellu ħafna missirijiet imma, meta tilef, sab ruħu orfni.

Anki Sidna Ġesù Kristu għadda minnha. Meta għamel il-mirakli, il-miġemgħa ma qatgħet qatt minn warajh u, saħansitra, f'Ħadd il-Palm, kantatlu s-salmi u riedet tagħmlu sultan. Imma, meta Ġuda biegħu lill-Qassisin il-Kbar, ħlief għal ommu, Ġwanni u l-Madalena, anki d-dixxipli tiegħu telquh, ċaħduh u ħallewh jitla' l-Għolja tal-Qorrija waħdu. Kristu wkoll safa orfni fil-waqa' fiżika tiegħu tant li staqsa lil Missieru għaliex telqu. Kristu stess kien wissiena fuq l-eventwalità ta' din is-sitwazzjoni fil-parabbola tal-Iben il-Ħali li, sakemm kellu x'jonfoq, kien imdawwar b'ħafna 'ħbieb' imma, meta spiċċawlu l-flus, kulħadd dabbar rasu u kellu, saħansitra, jiekol mill-ikel tal-ħnieżer.

U l-ġrajja tibqa' sseħħ anki fi żmienna. Kemm-il darba nħarsu madwarna u narawha tiġri lil min qatt ma ħlomna li seta' jintesa! Kemm-il kantant jew attur famuż taċ-ċinima ġew u marru? Kemm konna naraw ammiraturi tagħhom jiġġennu hekk kif jilmħuhom u, illum, spiċċaw iżolati u ntesew? Kemm mexxejja statali rajna li lanqas biss konna nistgħu nersqu lejhom għax, mill-ewwel, jipproteġuhom dawk il-ħafna li kienu jgħassuhom imma, illum, għax m'għadhomx aktar fil-ħajja pubblika, huma minsijin u waħedhom? Aħna stess spiss nilmentaw kemm id-dinja hija kiefra għax, sakemm aħna fil-glorja, inħossuna qisna allat żgħar imma, meta ma nibqgħux hemm fuq, nintesew minn kulħadd. Anki aħna, fil-glorja tagħna, insibu ħafna min jaddottana imma, meta tispiċċalna l-arja, ma nibqgħux fit-*top ten*.

Mill-frażi ta' Kennedy, nistgħu nisiltu żewġ tagħlimiet. L-ewwel waħda hi li, sakemm inkunu fil-quċċata, qatt ma nkunu waħedna; dejjem inkunu mdawrin minn 'ħbieb' ta' konvenjenza. Imma, kif ninżlu minn fuq il-pedestall soċjali tagħna, nitwarrbu u, dawk li kienu jafuna, jiskartawna għax ma nibqgħux aktar dak l-investiment li kienu jaraw fina qabel. It-tieni tagħlima hi li, biex ma nispiċċawx orfni aħna wkoll, qatt m'għandna nserrħu fuq il-ħbiberiji li jiġu mill-pożizzjoni għolja tagħna fis-soċjetà imma għandna naħsbu u ninvestu għal meta, xi darba, tispiċċa dik il-pożizzjoni li, fil-glorja tagħna, toffrielna tant missirijiet.

# Is-sinfonija tax-xjuħija

***Kitba ta' Karmenu Mallia***

Evviva x-xjuħ ta' Malta! Min qal illi reqdin?
Dawn il-kelmtejn warrbuhom, "Miskina" jew "miskin"
Le x-xjuħ mhumiex imsieken. Tassew ftit għajjenin
Imma jħobbuha l-ħajja. Staqsuhom x'inhi din!
Arawhom, qed jitbissmu. Sinjal li ferħanin
jew, forsi, qed jgħinuhom xi erba' qaddisin!
Ċapċpulhom waħda, isa, ħa jidhru hekk ħenjin.
Jafhom kulħadd; għal xogħolhom, kollh' huma magħrufin.

Ara qatt tistaqsuhom kemm jgħoddu għax, is-snin,
uħud jaħbuhom sewwa, avolja misjurin!
Oħrajn donnhom jinsewhom. Forsi, għax migdumin?
Jgħidu 'l xulxin: "Aħbuhom!" Addijo żveljarin!
Evviva! Xi wħud minnhom jixbħu lit-tfal ċkejknin.
Ħalqhom jiftħuh għaċ-ċejċa, X'janbuh issa t-thewdin?
Uħud, u fosthom jiena, lesti għall-aħħar att.
Resqin, resqin. Mix-xefaq, jinstema' bħal imbatt.
Arawh il-mewġ isellem, ibus ix-xatt kemm kemm
u jgħajjat b'leħen ħlejju: "Għalissa, ibqgħu hemm!"



# The Orphan

*A story by Liz Bajada*

It was the last day of my ten day-cruise and I was enjoying a wonderful dinner given to all the guests. I had the honour of sitting at the Captain's table. Beside me, on my right-hand side, sat Michael, a tall and handsome man of about sixty. I had met him a couple of times in the lounge where he offered me a drink, sat down and spoke about everything under the sun. Yet, he never spoke about himself. He was always very well dressed, polite and of a cheerful disposition. From his dress and manners, I had imagined him to hail from a well-to-do family. However, that evening, he was rather silent; not his usual self. I tried to get him talking by asking how many cruises he had been on. To my utter surprise, he replied that that was his first.

Looking straight over my head as though he was watching a film on a screen behind my back, he started relating the story of his life. I sat, spellbound, listening to an amazing true, life story, oblivious to where I was.

Michael had lost both his parents when he was only six and, not having any relatives who were ready to take him in, he was sent to an orphanage. He had hoped to be adopted and to have a loving family to grow up in. But, unfortunately, that never happened. Although he was well taken care of by the persons running the home, he always felt that there was something lacking in his life.

So, at twelve, he set himself a target. He would do his utmost to obtain all the things that other children had but which he did not. He worked hard at school and, on leaving the orphanage, besides a GCSE certificate, he was also in command of the locksmith's trade. He got a job as a clerk at a village supermarket. When he was offered the opportunity to go into sales, he grasped the opportunity and started learning the ropes of this new skill.

Once he had saved enough to start his own business, he opened a small shop in the village centre which sold and serviced items related to the locksmith trade. This time, luck and hard work favoured him and, as time went by, he started opening similar shops in other areas. These shops were rather small but very well stocked and clients found them both customer friendly and meeting their requirements. Soon, he realised that it was high time to start enrolling staff to man the premises.

The idea of how to man his new outlets came when, one evening, while closing the shutter of his shop, a young man came over and asked him whether he could possibly take him in as a salesman; even on a part-time basis. Michael looked at this young lad, dressed rather shabbily and unshaven. He even looked like he was badly in need of a hearty meal. Yet, that lad had a good face and seemed to be well-behaved. Before writing him off completely, Michael decided to find out more about him. So, after locking the shutter, he turned to the young man and said: "I was about to go and grab a snack before going home. Would you care to join me?" He did not have to make the offer twice as the lad nodded his head vigorously while his eyes lit up eagerly.

After ordering a meal for two, Michael sat down beside the lad and said: "If you wish me to consider your request, I need to know more about you. What is your name and what have you done with your life up to now?"

Michael was rather surprised when the boy hung his head and whispered: "Josh; my name is Josh and I am twenty-four years old but I'm afraid that you won't like what I have to say about myself."

"Go ahead!" said Michael, "don't be afraid! I have found out very long ago that nothing surprises me any more."

At this, Josh took heart and started relating his own story. He came from a broken family. He could not remember a day when his parents did not fight. At fourteen, he ran away from home but only to finish up with four older companions who led him up the wrong path. That kind of life continued until Josh was eighteen when, during a raid on a supermarket, one of the gang shot a security guard. Although the latter was grievously hurt, he, fortunately, survived. The police traced Josh from a CCTV camera but, as he refused to give away the name of the one who actually pulled the trigger, the blame was put entirely on him. During his time in prison, he had some serious thinking and he set himself a target. He would learn a trade and, once he was out of jail, he would not go back in the wrong direction. However, once he was out of prison, finding a job was not that easy. After all, you cannot blame people who don't trust an ex-convict!

Here, Josh stopped talking while a waiter brought their order. Josh was so famished that he gulped his food in no time at all. In the meantime, Michael hadn't even

touched his yet. He stared at Josh as, in him, he saw a reflection of himself. Michael did not only take on Josh as an assistant salesman in one of his shops he also decided to start a scheme in liaison with the prison authorities to select those lads who, like Josh, were prepared to forge a good way forward once they had served their sentence.

At this point of his narrative, Michael looked straight at me and, with a beautiful smile on his face, he said: "You see? All in all, it was a win-win situation. It is true that there is always that odd one who lets you down, but it is a great consolation and a reward that a good number are earnestly willing to make a new start in life. "I'm happy to say," continued Michael, "that, today, Josh is the Managing Director of my chain of outlets. He understands the chaps, he makes them feel welcome, he listens to their problems and he helps them find workable solutions.




Also, for me it was not only a financial reward. You see, I have come to realise that, in life, you don't have to be an orphan to feel alone in this world. But by pulling up your socks, set your targets and forge on, you will have a new family of people who care for you the way I have.'

---



# Kurżitajiet reliġjużi

***Kitba ta' Carmen Dimech***

Tiskanta x'jiġi f'moħħok meta ma tkunx tista' torqod! Bdejt nisma' 'l ommi tirreċta l-Litanija bil-Latin, lejn l-aħħar tar-Rużarju. "*Firri jedent tal-munti deus; Federik fis-sakra; Pjanu Miċeli.*" Tbissimt għax ftakart kemm konna ngerfxu b'lingwa li ma nafuhiex.

Meta konna tfal ċkejknin, konna mmorru d-Dutrina biex jippreparawna għall-Preċett u l-Griżma tal-Isqof u, b'ħanġra daqshiex, konna ngħajtu: "ir-raba', weġġagħ lil missierek u 'l ommok!" U, dak iż-żmien, ta' tfal li kont, kont ngħid: "imma jien, għaliex għandi nweġġagħhom? Daqskemm iħobbbuni!" Jew inkella: "Ħallas id-dejn mill-ewwel xhur!" biex, wara ma nafx kemm, xi ħadd spjegali li, eżattament, dik kellha tkun, "Ħallas id-deċmi jew l-għexur!" L-għexur jiġifieri l-wieħed minn kull għaxra li kellhom jitħallsu f'taxxi lill-istat jew lit-Tempju. Kos hux, għandek tgħid: jiġifieri t-taxxi huma antiki daqstant! Hu x'inhu, dak iż-żmien, meta konna żgħar, ħadd ma kien jikkoreġina u jispjegalna. X'aktarx li daqsna kienu jafu!

Kliem ieħor li kien ikolli kurżità kbira biex inkun naf xi jfisser kien, ngħidu aħna, "Missier putattiv" jew "Spirtu s-Santu Paraklitu." Kliem tqil dan li għandi dubju kemm hawn min jifhmu llum; aħseb u ara dak iż-żmien. Ara meta xi ħadd ifehemni, kemm hu sew li titgħallem! Ħalli nagħtikom eżempju; Dari, konna mmorru l-*Ora Santa* li, bil-Malti, tfisser, siegħa qaddisa għax kienet siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Il-ħin kollu, konna nkantaw Innijiet Ewkaristiċi l-ġmiel tagħhom. Niftakar li, f'wieħed minnhom, konna nsemmu l-Pellikan Divin. Kellu jgħaddi ħafna żmien biex xi ħadd jgħidli x'għandu x'jaqsam il-pellikan ma' Ġesù Sagramentat. Qaluli li l-pellikan huwa għasfur sabiħ li jqatta biċċiet minn ġismu stess biex jitma lill-frieħ tiegħu. Araw x'att sabiħ ta' mħabba kbira. U hekk hi t-tixbiha ma' Kristu li ta lilu nnifsu lilna. Min jaf min kien dak li kiteb dak l-innu u li ħareġ b'dan il-ħsieb sublimi li jxebbah lil Kristu u jsejjaħlu Pellikan Divin!

Kurżità oħra li dejjem ħawditli rasi hija li, meta Ġesù Kristu għażel it-tnax-il appostli minn fost is-sajjieda, dawn mhux kollha kienu għożżieba. Xi wħud minnhom, kienu miżżewġin ukoll. Kieku kienu ġuvintur, problema u mhix imma, min kellu l-familja, dik ħaġ' oħra għax, xħin isir il-ħin u jmur lura d-dar, il-mara tkun qed tistennieh ġej bil-ħut. U hu x'ser jgħidilha? "Għax ġie wieħed Rabbi u qalilna: "Ħallu kollox warajkom u ejjew warajja u jien nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin!" Naturalment, x'ħin tisma' hekk, il-mara tgħidlu: "Mel' għada, Xmun, jekk trid tiekol, l-ewwel persuna li taqbad, ġibha ħa nixwihielek!"

# Is-Soprano Hilda Mallia Tabone

*Kitba ta' Peter Paul Ciantar*



Dawk li għandhom 'il fuq minn sittin sena u huma midħla tal-mużika, l-aktar dik operistika, żgur li jiftakru lis-Soprano Hilda Tabone li, wara li żżewġet, saret magħrufa bħala Hilda Mallia Tabone. Jiftakru l-vuċi sabiħa u drammatika tagħha u anki kif kienet iżżejjen palk.

Hilda Tabone twieldet il-Birgu, fl-20 ta' Settembru, tal-1932. Anki l-ġenituri tagħha kienu jħobbu l-mużika. Fil-fatt, missierha kien idoqq il-vjolin filwaqt li ommha kienet tħobb l-opra u t-teatru. Minħabba l-mewt bikrija ta' missierha, Hilda ma setgħetx tkompli tistudja għal spiżjar imma saret tħobb il-kant u studjat il-mużika ma' Anton Muscat Azzopardi filwaqt li studjat il-vuċi mas-Soprano Bice Ciappara.

Lil Muscat Azzopardi kont nafu sew; Surmast mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, għalkemm kellu baned oħrajn. Oħroġ il-għaġeb, kull persuna li kont nintervista, li għamel isem fil-qasam tal-mużika f'pajjiżna, kollha kienu jgħiduli li bdew ma' Anton Muscat Azzopardi. Muscat Azzopardi kien jgħallem il-mużika l-Liceo u kellu don speċjali li, b'mod l-aktar sempliċi, kien jgħallem il-mużika kif għandu jkun. Niftakar ukoll lil Bice Ciappara li, fil-bidu tal-karriera tiegħi fix-xandir, kienet iċċempilli, jew inċemplilha, u tirrakkontali l-esperjenzi tagħha fit-Teatru Rjal. Bice baqgħet b'vuċi sabiħa sal-aħħar.

Hilda Tabone studjat ma' surmastrijiet oħrajn, kif ukoll ma' kantanti Taljani, u bdiet il-karriera tagħha fl-1951 meta kellha biss sittax-il sena. Kien Joseph Abela Scolaro li introduċieha mal-pubbliku f'kunċert tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun. Fil-fatt, ibnu, Lino, jiftakar lil Hilda d-dar tagħhom tgħaddi l-mużika ma' missieru fuq il-pjanu.

Hilda mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni tal-pubbliku tant li, minnufih, bdiet tieħu sehem f'kunċerti sponsorjati mir-*Rediffusion*, tkanta mal-*Malta Cultural Institute,* li kien taħt id-direzzjoni tas-Surmast, Carmelo Pace, tkanta ma' kważi l-baned kollha kif ukoll mal-banda tal-*Malta Band Clubs Association* fir-*Radio City,* il-Ħamrun. Kienet tieħu sehem ukoll f'kunċerti li kienu jsiru għal karità.

Jien niftakarha sew tkanta mal-baned lokali flimkien mal-Baxx, Piju Zammit minn Ħal-Safi u anki mat-Tenur, Andrew Sapiano u kantanti oħrajn tal-opra. Jekk niftakar tajjeb, l-ewwel impressjoni tiegħi tal-vuċi sabiħa tagħha kienet meta Hilda kantat l-Innu l-Kbir ta' George Martin, f'ġieħ San Leonardu, fil-pjazza ta' quddiem il-Każin, ta' Ħal Kirkop. Kienet pjazza ppakkjata bin-nies u kulħadd iċċassat iħares lejha u jisma' l-vuċi qawwija u sabiħa tagħha. Ma ngħidilkomx kemm iddispjaċieni meta sirt naf li r-*recordings* li kienet għamlet mal-baned għar-*Rediffusion* **tħassru. Tlifna tifkira dejjiema!**

Fid-9 ta' Settembru tal-1962, Hilda Tabone żżewġet lis-Sur Carmel Mallia, espert tal-Esperanto. Dejjem kien ikun magħha għall-kant. Niftakar qisu lbieraħ meta n-nies bdew jgħidu li Hilda għandha tewmin u ser issemmihom Mario u John. Meta kont qed nikteb dan l-artiklu, sibt ukol li, fl-1963, Hilda Mallia Tabone kantat il-parti ta' Santuzza fl-opra, *Cavalleria Rusticana* ta' Pietro Mascagni.

Fl-1965, ġewwa t-Teatru Manoel, is-Soprano Hilda Mallia Tabone kantat fl-opra, *Caterina Desguanez*, tal-kompożitur Malti, Maestro Carmelo Pace. Komplejt insaħħaħ il-fehma tiegħi kemm din is-soprano Maltija kienet tajba meta kont qrib tagħha fl-ewwel rappreżentazzjoni tal-opra, *I Martiri*, tal-istess Carmelo Pace, li saret fit-Teatru Manoel ukoll. Dan kien fl-1967 u, dakinhar, Hilda kellha waħda mill-partijiet prinċipali; il-Kontessa Graziulla Theuma Castelletti. Ma ninsa qatt l-interpretazzjoni tagħha fl-ewwel xena tal-aħħar att mat-Tenur, Andrew Sapiano, b'dak ix-xenarju sabiħ tal-Pjazza tal-Palazz tal-artist, Emvin Cremona. Jien kont hemm u, illum il-ġurnata, nemmen bis-sħiħ li s-Surmast Carmelo Pace kien jikteb apposta għall-vuċi tagħha. L-aħħar opra ta' Carmelo Pace li kantat Hilda kien fl-1973 u l-opra kienet, *Angelica*.

Kull sena, il-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat kienet iġġib lis-Soprano Hilda Mallia Tabone għall-kunċert bandistiku annwali tagħha. Wieħed ħabib tiegħi li kien midħla tal-Banda stqarr miegħi li jiftakar meta Hilda kienet għarrfet lis-Surmast, Vincenzo Ciappara, li kienet ma tiflaħx u li, minflokha, kienet ser tibgħat lin-neputija tagħha, Miriam Gauci. Dan il-ħabib tiegħi qalli wkoll li dik kienet l-aħħar dehra ta' Hilda fil-Każin Konti Ruġġieru.

Għadni niftakar meta n-nies qalu li mietet is-Soprano Hilda Mallia Tabone. Kien fil-5 ta' Frar tal-1978, meta Hilda kien għad kellha biss ħamsa u erbgħin sena. Tlifna vuċi mill-isbaħ fil-fjur ta' ħajjitha. Jien għandi xi *recordings* tagħha fl-opri ta' Carmelo Pace li verament ngħożż b'tifkira tal-vuċi tagħha.



# Laqgħat, konferenzi u ħidmiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar 2026,** il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani stieden l-Alleanza ta' Organizzazzjonijiet tal-Pensjonanti għal laqgħa ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat bil-għan li niffurmaw *front* wieħed fl-interess tal-persuni anzjani u l-pensjonanti. Iż-żewġ għaqdiet huma *an umbrella organisation* u, fi ħdanhom, hemm għadd ta' membri komuni u t-tnejn jaħdmu fil-kamp tal-persuni anzjani. Imma, iż-żewġ għaqdiet mhumiex membri ta' xulxin u, għalhekk, wasal iż-żmien li jersqu lejn xulxin ħalli, fl-interess tal-anzjani, meta jagħmlu rappreżentazzjonijiet flimkien quddiem l-awtoritajiet, jitkellmu b'vuċi waħda.

Iż-żewġ naħat qablu li, bejniethom, jiffurmaw Sotto-Kumitat Permanenti magħmul minn tliet rappreżentanti minn kull naħa bis-sostituti tagħhom biex jibdew jaħdmu fuq pjan komuni.

-------------------0o0-------------------



**Il-Ħamis, 12 ta' Frar 2026,** il-Kunsill kellu l-lagħqa ta' kull xahrejn ma' Dr Steve Agius, l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Dr Agius kien akkumpanjat mis-Sur Alex Gobey, Aġent Deputat Kap Eżekuttiv tal-istess aġenzija.

Il-laqgħa saret fl-Uffiċċju tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, f'Ħal Qormi u, fiha, kienu diskussi proġetti kif ukoll proposti konkreti ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ naħat.

-------------------0o0-------------------



**Il-Ħamis, 19 ta' Frar 2026,** Dr Anthony DeGiovanni, President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, kien mistieden mill-kelliemi tal-Partit Nazzjonalista, l-Onor Ivan Bartolo, biex jagħmel intervent qasir fil-Parlament waqt Seduta Parlamentari mtella' minnu stess dwar il-Ġustizzja Soċjali.

Din is-Seduta bdiet b'quddiesa fil-Knisja tal-Vitorja l-Belt, fit-8.15 ta' filgħodu u, wara, kompliet fis-Sala tal-Parlament. Għal din is-Seduta Parlamenmtari, attendew ukoll uħud mill-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li, għaliha, kienu mistednin.

-------------------0o0-------------------




**Is-Sibt, 20 u l-Ħadd 21 ta' Frar 2026**, Membri mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani attendew għall-Konvenzjoni Nazzjonali 2026 – Malta 'l Quddiem, organizzata mill-Partit Nazzjonalista u li, għaliha, il-Kunsill kien mistieden.

-------------------0o0-------------------




**Is-Sibt, 7 ta' Marzu 2026,** fuq stedina li saritilhom, Membri tal-Kunsill attendew għal Konferenza dwar l-Inteliġenza Artifiċjali u l-Persuni Anzjani organizzata mill-Partit Laburista.

-------------------0o0-------------------

**L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2026**, il-Kunsill kellu laqgħa mal-Onor Dr Chris Bonett, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.
Din il-laqgħa kienet kontinwazzjoni ta' laqgħa preċedenti li l-Kunsill kellu dwar l-anzjani u s-sewqan, is-sigurtà fit-toroq, is-servizz tat-trasport pubbliku u l-insurance tas-sewqan.

-------------------0o0-------------------



**Is-Sibt, 14 ta' Marzu 2026**, Membri mill-Kunsill attendew għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, li saret ġewwa l-Malta Council for the Voluntary Section, il-Belt-Valletta.

-------------------0o0-------------------



**It-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026,** Membri mill-Kunsill attendew għal laqgħa mas-Sur Kenneth Farrugia, *Chair Malta Bankers Associations, u Chief Executive Officer tal-Bank of Valletta Group*.

Waqt din il-laqgħa, il-Membri ddiskutew diversi temi li jolqtu lill-anzjani, b'mod partikolari, is-servizzi bankarji u affarijiet relatati. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani huwa impenjat li jmexxi 'l quddiem il-benesseri u l-interessi tal-anzjani. Aħna fiduċjużi li djalogu produttiv mal-Assoċjazzjoni tal-Bankiera ta' Malta jkun ta' benefiċċju kbir biex jiġu indirizzati l-isfidi u jinstabu soluzzjonijiet li jtejbu l-esperjenzi bankarji tal-anzjani.

-------------------0o0-------------------

Inviti u laqgħat oħra kienu:

- Stediniet għal-riċevimenti Annwali mill-Partit Nazzjonalista, u mill-Partit Laburista.
- L-Onorevoli Rebecca Buttigieg invitat lill-Kunsill biex jieħu sehem fil-Public Consultation on Social Media.
- Stedina mill-European Commission,biex nipparteċpaw fis-sensiela ta' laqgħat li jsiru bħala parti mis-Semestru Ewropew tal-2026
- Konferenzat al-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara.
- Stedina mill-Parlament Ewropew f'Malta għall-okkażjoni tal-Jum il-Mara flimkien mal-President tal-Parlament Ewropew, Dr Roberta Metsola.



# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*

**Pablo Picasso 1881 – 1973**



Pablo Picasso, pittur, skultur u ċeramist Spanjol, li għamel żmien twil jgħix fi Franza imma li twieled f'Malaga, l-Andalusia, fil-25 t'Ottubru 1881, huwa meqjus bħala wieħed mill-iktar artisti influwenti tas-seklu għoxrin. Picasso kien artist provokattiv u mhux konvenzjonali. Fost affarijiet oħra, kien kofundatur tal-moviment kubista u, flimkien ma' Henri Matisse, huwa meqjus mill-kritiċi bħall-pijunier tal-arti moderna.

Picasso kien ipinġi bl-aktar mod naturali u, sa minn ċkunitu, wera talenti artistiċi straordinarji. Missieru, li kien għalliem tal-arti, ukoll kien ipinġi imma, darba waħda, qabad liċ-ċkejken Pablo jpinġi xi ħaġa fuq wieħed mill-abbozzi tiegħu u, meta ra l-preċiżjoni tat-teknika ta' ibnu, ħass li dan it-tifel ta' tlettax-il sena kien diġà għaddieh u ddeċieda li ma jpinġix iżjed. Tant kien impressjonat bil-ħila ta' ibnu li pperswada l-Akkademja tal-Arti biex iħallu lit-tifel jagħmel l-eżami għad-dħul fil-klassi avvanzata. Għal dan il-proċess, normalment, studenti oħrajn kienu jieħdu madwar xahar. Pablo għamel kollox f'ġimgħa u l-ġurati aċċettaw li jħalluh jingħaqad mal-klassi tal-kbar minkejja li kien għad kellu biss tlettax-il sena.



Picasso mar Pariġi għall-ewwel darba fl-1900. L-ewwel ħabib li kellu kien il-ġurnalist u poeta, Max Jacob. Biex jiffrankaw il-flus, krew appartament żgħir flimkien u l-arranġament bejniethom kien li Max jaħdem binhar u jorqod billejl filwaqt li Pablo jorqod binhar u jaħdem billejl. Kien żmien ta' faqar kbir u, sfortunatament, ħafna mix-xogħol ta' Picasso ta' dak iż-żmien kienu jaħarquh fil-*fireplace* biex iżommu l-post daqsxejn sħun.

Fl-ewwel deċennju tas-seklu għoxrin, l-istil ta Picasso nbidel meta beda jesperimenta b'teoriji, tekniċi u ideat differenti. Ix-xogħol tiegħu, speċjalment bejn l-1900 u l-1920, ħafna drabi huwa kkategorizzat f'perjodi bħall-perjodu l-blu, il-perjodu r-roża, il-perjodu ta' influwenza Afrikana, il-perjodu tal-kubiżmu analitiku u l-perjodu tal-kubiżmu sintetiku. Tant kien rivoluzzjonarju u jħobb jesperimenta li huwa stess stqarr li ċerti kwadri tiegħu m'għandhomx fuq u isfel u, għalhekk, irridu nsibu isem ġdid x'naqbdu nsejħulhom.



Fl-1911, Pablo Picasso kien arrestat u interrogat mill-pulizija Franċiża fuq suspett li kellu x'jaqsam mas-serqa tal-*Mona Lisa* mill-*Louvre* imma, wara ftit, kellhom jitilquh minħabba li ma kien hemm ebda provi komtra tiegħu.

Kienu ħafna dawk in-nisa li daħlu fil-ħajja ta' Picasso. Infatti, in-nisa kienu jiġġennu warajh imma hu la kellu xaba' u lanqas kwiet u kien jibdilhom daqslikieku kienu karti tal-logħob. Iżżewweġ u kellu relazzjoni ma' ħemes nisa u tista' tgħid li, minn żmien għal żmien, kollha servew ta' mudelli għal xi wieħed jew aktar mill-ħafna kwadri tiegħu. Fil-*memoir* tagħha, Marina Picasso qalet xi ħaġa hekk dwar il-mod kif nannuha Pablo kien jittratta n-nisa. Kien jissottomettihom għall-ħtiġijiet annimaleski tiegħu, jimmansahom, jaffaxxinahom, jimmeżmerizzahom, jiblagħhom, jobżoqhom imbagħad iċallashom fuq it-tila. Imma n-nisa xorta waħda kienu mitlufin warajh tant li tnejn minn dawk li kien miżżewweġ magħhom anki waslu biex għamlu suwiċidju wara mewtu.



Bħal fil-kaz tan-nisa, l-istess jista' jingħad għall-istili artistiċi ta' Picasso. Tant kien ibiddel stili, u ta' spiss, li l-kritiċi mhux dejjem kienu jafu eżatt x'ser jaqbdu jgħidu. Wieħed, saħansitra, wasal biex ikkonkluda li Picasso kien kemm ċarlatan kif ukoll ġenju. Xi ilsna ħżiena sa anki qalu li Picasso kien jaddotta stil ġdid kull darba li kien jaqbad ma' xi mara differenti.

F'karriera twila, Picasso pinġa kemm felaħ imma, bla dubbju ta' xejn, il-kapulavur tiegħu jibqa' l-kwadru msejjaħ *Guernica* li juri l-inumanità, il-brutalità, il-ħruxija u l-qtiegħ il-qalb li ġġib magħha l-gwerra. Speċifikament, *Guernica* juri bl-iktar mod drammatiku l-attakki mill-forzi tal-ajru Tedeski u Taljani fuq il-belt ta' *Guernica* matul il-Gwerra Ċivili Spanjola.

Mistoqsi jispjega s-simboliżmu tal-*Guernica*, Picasso qal li mhuwiex għall-artist li jinterpreta s-simboli. Kieku hekk, ikun aħjar jekk jiktibhom milli jpinġihom. Picasso kompla jgħid li, min iħares lejn il-kwadru, irid jinterpreta s-simboli kif jifhimhom hu.



Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Picasso, li kien ċittadin Spanjol, pajjiż li baqa newtrali f'dak il-konflitt, baqa' Pariġi okkupata min-Nażisti. Imma l-Ġermaniżi xejn ma kienu jarawh ħelu lil Picasso. Spiss kienu jiġu jdejquh tal-*Gestapo*. Darba, wieħed minnhom ra l-*Guernica* u, lil Pablo, staqsieh, "Dik int għamiltha?"
"Le ta," kien pront wieġbu Picasso, "dik intom għamiltuha!"
Sal-1981, il-*Guernica* kienet fdata lill-Mużew tal-Arti Moderna ta' New York għax Picasso ma riedx li l-kwadru jmur Spanja qabel il-libertà u d-demokrazija jerġgħu jkunu stabbiliti f'art twelidu.
Biex nifhmu kemm kien prolifiku Picasso, biżżejjed ngħidu li, minħabba li, ħafna drabi, kien iżomm għalih dak li ma kellux għalfejn ibigħu, meta miet, ta' wieħed u disgħin sena, fit-8 t'April 1973, fid-dar tiegħu kellu iktar minn ħamsa u erbgħin elf xogħlijiet mhux mibjugħin. Billi ma kellux testment, it-taxxa tas-suċċessjoni dovuta lill-gvern Franċiż tħallset bl-għoti ta' ħafna minn dawn il-kwadri u xogħlijiet oħra.

---

## *IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURA LILL-OMMIJIET KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT F'JUM L-OMM*



# Ommi

Jien m'iniex ħolqien individwali,
uniku u separat mill-bqija.
Jien magħġun minn ġuf ommi;
iffurmat minn familti u għeruqi f'pajjiżi.

Waħdi, jien kiesaħ, mejjet.
Mal-oħrajn, jien raġel bil-familja;
membru f'assoċjazzjoni, għal waħda tnejn;
ċittadin ta' pajjiż;
nagħmel it-tajjeb u niżloq xi żelqa kultant.
Imma qed ngħix, mal-kurrenti tal-preżent
bil-memorji tal-passat
u t-tagħlim kollu li rċevejt.

Imma, fuq kollox,
jien kapaċi noqgħod fuq saqajja
mertu tal-imħabba li ngħatajt
u, l-akbar imħabba,
dik li tiċċaħħad biex ħaddieħor jikber;
dik li l-faqar ma jżommokx milli trabbi b'dehen;
dik li tgħix bil-għaqal tal-qalb.
Dik l-imħabba tajtieli int, ma
u l-ħlewwa tiegħek, fi ħsiebi u f'qalbi,
iżżommni miexi ...
miexi dejjem
miexi 'l quddiem.

***Emmanuel Attard Cassar*** ***17-2-2026***

# Żewġ minuti kollox

### *F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta tliet ċajtiet*

Wieħed, l-Amerka, instab ħati ta' omiċidju volontarju u qatgħuhielu għall-mewt. Lejliet li kellhom ituh is-siġġu tal-elettriku, id-Direttur tal-ħabs staqsieh il-mistoqsija tas-soltu: "X'tixtieq tiekol għada, mal-aħħar ikla?"

L-ikkundannat qallu: "Irrid il-frawli!" Imma d-Direttur qallu li l-frawli ma kienx żmienha dik il-ħabta.

"Tibżax," wieġbu pront pront l-ikkundannat; "lest nistenna kemm hemm bżonn!"

---

Tfajla, naqra mbaċċa, telgħet fuq tal-linja. Ġuvnott kesaħlu, biex, mingħalih, idaħħaq, qal: "Ara; telgħet gwardarobba!"

It-tfajla semgħetu u, naturalment, ma ħaditx gost. Baqgħet dieħla 'l ġewwa fil-karozza u, kif għaddiet minn ħdejh, ċapċpitlu daqqa ta' ħarta f'nofs wiċċu. Fl-istess ħin, qaltlu: "Skuzani; infetħitli l-bieba!"

---

*Travelling salesman* li jbigħ il-*vacuum cleaners* daħal għand waħda mingħajr lanqas biss taha ċans tgħid kelma. Biex jimpressjonaha, battal borża trab fuq it-tapit u qalilha: "Jekk din il-*vacuum cleaner* ma tiġborx sal-anqas traba, nieklu jien!"

Il-mara ħarset lejh u qaltlu: "Kieku kelli flus bizzejjed biex nixtriha, kont inħallas il-kont tad-dawl, qabel qatgħuhuli! Issa x'tippreferi, magħrfa jew kuċċarina?"

# *Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jawgura lill-Missirijiet kollha fil-Jum iddedikat għalihom ta' JUM IL-MISSIER*



**Awguri lil missirijiet kollha f'Jum il-Missier**

**Xieraq li, għall-inqas, darba f'sena**
**niċċelebraw bil-kbir Jum il-Missier;**
**dak li, b'imħabba u b'kuraġġ ta' sur,**
**ibati biex familtu 'l quddiem tmur.**
**Jistinka u jaħdem dejjem għal uliedu**
**u jifraħ meta jilħqu dak li riedu.**
**Minn filgħodu sa fl-għaxija,**
**dejjem sejjer bla waqfien**
**u dan jagħmlu għax hu bieżel;**
**jobgħod jisma' l-kelm' 'għażżien'!**
**It-tbatija hija ħajtu,**
**ħsiebu biss f'martu u fit-tfal,**
**dejjem jirringrazzja 'l Alla**
**għax aħjar hekk milli agħar!**
**Jinsa l-għejja u pjaċir jieħu**
**jara ż-żgħar madwaru d-dar.**

**Thomas Agius, ta' Maksar**

# Rigal wisq maħbub minn raġel ta' tlieta u disgħin sena

***Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap***



Kont ġej minn erbat ijiem xogħol fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija meta sibt pakkett indirizzat lili. Mill-ewwel intbaħt li kien ġej mill-Italja. Ftaħtu u sibt Kuruna tar-Rużarju mill-isbaħ mibgħutha lili mill-Papa Emeritu Benedittu XVI! Magħha, kien hemm ukoll kartolina ta' apprezzament mis-Segretarju Personali tal-Papa Benedittu, l-Arċisqof Georg Gänswein. Meta ġejt f'tiegħi mill-ferħa li ħadt, ftakart li, ftit ġimgħat qabel, kont bgħatt ittra lill-Papa Emeritu biex nistaqsih fuq sentenza dwar il-qdusija li sibt f'waħda mill-kitbiet tiegħu. Din is-sentenza, ħierġa minn qalb dan il-Papa kbir, tgħid hekk: "Il-qdusija ma tikkonsistix f'li wieħed qatt ma jiżbalja jew jidneb. Il-qdusija żżid il-ħila għall-konverżjoni, għall-indiema, għax-xewqa li wieħed jibda' mill-ġdid u, aktar minn hekk, għar-rikonċiljazzjoni u l-maħfra."

Xi kliem tad-deheb huwa dan ħiereġ minn anzjan li, meta rċevejt dan il-pakkett mingħandu, kellu mat-tlieta u disgħin sena! Min minna fil-ħajja jista' jgħid li subgħajh huwa dritt? Li qatt ma żbalja? U li, taħt abtu, m'għandux xi jxomm? Jekk ngħidu l-verità, mhux kollha għandna tagħna? Mhux kollha ħadna xi falza stikka xi darba? Mhux kollha ħawwadna; min ftit u min ħafna? Taf x'naf ingħid? Li ta' min jidher u ta' min ma jidhirx? Ta' min bil-ħsieb, ta' min bil-għemil u ta' min bit-tnejn!

Għalhekk, meta wieħed iqis dan kollu, mhux aħjar noqogħdu pass lura u nitgħallmu daqsxejn umiltà? Fil-ħajja ħbieb, xi darba jew oħra, dejjem konna fuq il-bank tal-ħatjin. U, jekk dan huwa l-każ, mhux aktar għaqli jekk kulħadd irażżan naqra lsienu u jara x'jagħmel hu flok nidħlu f'pika bla sens dwar min jgħid l-aktar fuq min? U min ser juri l-akbar dgħjufija ta' min? Is-sabiħa hi li, dawk li l-gost u l-pjaċir tagħhom iqasqsu fuq in-nies, jinsew x'jista' jkun qed jistenniehom meta jidhru quddiem l-Imħallef Divin, li l-verdett tiegħu ma jinbidilx għall-eternità!

Tafu li, fil-Bibbja, insibu mhux anqas minn mitt vers li jitkellmu dwar il-paroli fuq il-proxxmu? Altru, mela, li l-Kelma t'Alla ma tħallihx għaddej lixx dnub tassew ikrah u tal-biżà bħal dan! Quddiem Alla, dan id-dnub jikkundannana wisq aktar mid-dnub mikxuf ta' min, għax dgħajjef, inqabad jikkommetti. Ħa nsemmi xi versi li jġibuna wiċċimbwiċċ mal-gravità ta' dan id-dnub hekk kbir: *Jekk xi ħadd jidhirlu li hu reliġjuż, u lsienu ma jrażżnux u jqarraq b'qalbu, fiergħa hi r-reliġjon tiegħu. U ngħidilkom li, f'jum il-ħaqq, il-bnedmin għad iridu jagħtu kont ta' kull kelma fiergħa li jkunu qalu għax minn kliemek tkun iġġustifikat u minn kliemek tkun ikkundannat. Min iħobb l-inkwiet iġib il-ġlied u min ifesfes jifred il-ħbieb.*

U, jekk, li nitħaddet bl-addoċċ fuq il-proxxmu tiegħi, hu dnub daqshekk ikrah, għaliex ma niftakarx li hemm faċċata oħra tal-kliem mimli velenu li nisma'? Għaliex ma niġborx il-fatti kollha ħa nara ftit x'ġara tassew? Għaliex ma mmurx għas-sors ta' dak li nisma' u mhux nistrieħ fuq terzi persuni? Għaliex ma narax it-tajjeb ta' dak li qed jgħidu fuqu? Għaliex ma nitħadditx imqar in-nofs ta' dak li nisma'? Għaliex il-paroli fil-vojt kontra l-proxxmu ma nisfidahx billi jkolli l-kuraġġ ngħid lil min jgħidli kontra xi ħadd: *Taf jekk dak li qed tgħid hux minnu?* U, fejn hemm bżonn, inċanfar bl-aħrax lill-persuna li qed issefsifli kontra xi ħadd billi ngħidilha: *Dak li qed tgħidli hu żibel għax diskors li jħott! Nirrifjuta li nemmnu u naħseb li għandek iżżomm ħalqek magħluq*? Għaliex ma niffissax ħarsti fuq il-verità flok noqgħod naħli l-ħin prezzjuż tiegħi nisma' kliem vojt u bla fejda? Għaliex ma niffukax fuq l-oħrajn biex nagħmlilhom il-ġid u mhux noqgħod nitħaddet fuqhom biex inħossni superjuri għalihom? U għaliex ma nitlobx għall-persuni li jkunu l-mira ta' ħafna għajdut pubbliku flok ninġarr jien ukoll mal-ħmieġ tal-ħażen tal-paroli fil-vojt u qerriedi kontriehom? X'nieħu b'daqshekk jien?

Ma ninsa qatt il-kliem sabiħ tal-Papa Benedittu XVI meta kien qal: "Ġesù jmexxina lejn dak li hu kbir u safi. Imexxina għal dik l-arja b'saħħitha tal-għoli; għall-ħajja skont il-verità; għall-kuraġġ li ma jħallix lilu nnifsu jiġi mhedded mill-paroli fil-vojt ta' opinjonijiet li jduru mas-saqajn; għas-sabar li jsofri ma', u jwieżen lil, ħaddieħor. Imexxi n-nies biex ikunu miftuħin għal dawk li jbatu u li huma mwarrbin. Imexxina biex nibqgħu ma' ħaddieħor b'mod leali, anki meta s-sitwazzjoni ssir diffiċli. Imexxina għall-prontezza li ngħinu; għat-tjubija li ma tħallix lilha nnifisha tiżżarma, anki mill-ingratitudni. Imexxina lejn l-imħabba; imexxina lejn Alla."

Mank, jaħasra, li dik il-kuruna mill-isbaħ li għoġbu jibgħatli l-Papa Benedittu XVI, nużaha biex nitlob għan-nies li jkunu fil-mira ta' ħafna paroli li jkissirhom minflok ngħid fuqhom bħalma, sfortunatament, jagħmlu xi wħud! Wara kollox, mhux jien ukoll għandi bżonn kbir tat-talb tagħhom? X'rigal għażiż għoġbu jibgħatli dan l-anzjan ta' tlieta u disgħin sena!

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
# *'Fjuri li ma Jinxfux'*
### tal-Professur Oliver Friggieri




# Olga ġiet u telqet

Għamilt lejl sħiħ nitqalleb, bilkemm għalaqt għajn m'għajn u, fil-ftit ħin li rqadt, ħlomt ħwejjeġ li ħawduni. Ma stajtx niftakarhom imma kienu hemm ġew, xi mkien f'moħħi, jew fl-istonku, fejn kelli toqla li ma tantx kont għadni ħassejtha qabel. Mix-xquq tat-tieqa, kien jidher li sebaħ. Ma stajtx inqum mis-sodda għax ma kelli ebda skuża u kien fadal ħafna ħin biex inħejji ruħi għall-iskola. "Illum tmurx skola. Ibqa' hawnhekk," qalli missieri li daħal fil-kamra malli sema' l-molol tas-sodda jżaqżqu u ntebaħ li kont imqajjem.

"Ma mmurx skola?" staqsejtu mimli kurżità.

"Le, illum tmurx," tenna u reġa' ħareġ 'il barra minn bejn il-purtieri imqassmin fi tnejn biex tkun tista' tgħaddi minn nofshom waqt li jħabblulek xagħrek u miġburin b'żagarella rqiqa ma' kull naħa tal-bieb tal-kamra li dejjem kien jinżamm miftuħ. Kienu purtieri bi fjuri ħomor, ħafna fjuri ħomor, fuq sfond abjad u ħafna weraq aħdar ċar.

"Għaliex ma mmurx, Pa?"

"Illum tmurx," reġa' qalli u jien fhimt li ma kellix inkompli nistaqsi. Irġajt frixt il-liżar sa fuq wiċċi u ħaddant l-imħadda, taparsi se nerġa' norqod.

Ma kienx lejl bħall-oħrajn

L-ordni xotta xotta tiegħu saħħitli s-suspett li kien ilu jitrabba fija u li issa, tul dan il-lejl, kien tqawwa biżżejjed. Dan ma kienx lejl bħall-oħrajn. Lanqas ma kien il-lejl tipiku ta' Balzunetta. Kien il-lejl tad-dar tagħna. Għal siegħat sħaħ, stajt nisma' l-passi ta' missieri minn naħa għal oħra tal-kamra tal-ikel, mifruda biss bil-purtieri tal-bieb miftuħ tal-kamra. Il-ħoss tat-takkuna tiegħu ma ħallinix norqod u r-riħa tas-sigarretti tiegħu xammejtha l-lejl kollu. Ma waqafx idaħħan. Kien fumatur iddedikat, kif baqa' sal-aħħar iżda, din id-darba, żgur pejjep wisq aktar mis-soltu. Lanqas ma waqaf jippassiġġa, daqqa bil-mod u daqqa bil-għaġla; ikolli naħseb li kien il-pass tal-ħsieb tiegħu. Xi drabi, il-ħoss kien jieqaf u stajt nintebaħ li missieri kien ikun mar sat-tarf l-ieħor tad-dar, fil-kamra tas-sodda l-kbira fejn stajt nifhem li ommi kienet għadha mimduda.

"Għaliex missieri kien liebes libsa sħiħa, intiera, kienu jgħidulha, u kellu l-ġlekk u l-ingravata, tul il-lejl kollu? Għaliex ma raqadx?" bdejt nistaqsi lili nnifsi, aktar biex inseddaq is-suspett li kelli milli biex nasal għal xi tweġiba ġdida. Għalkemm id-dar ma kinitx imdaqqsa wisq, il-kamra tas-sodda l-kbira kienet imbiegħda biżżejjed biex ħsejjes żgħar ma jinstemgħux u biex il-kliem ma jiftiehemx. Mill-bieb ta' barra, kont tidħol dritt biex issib indana ta' tnax-il tarġa quddiemek. U, fuq l-ogħla tarġa, fit-tarf ta' fuq tal-indana, ommi kienet qiegħdet tavolina bi ftit fjuri tal-plastik fuqha. Il-ħajt ta' wara t-tavolina għamel żmien vojt u missieri ħaseb biex imlieh. Jum fost l-oħrajn, xtara arloġġ kbir tal-ħajt u tela' fuq banketta, il-banketta mżaqżqa, mirakuluża u antika ta' ommi; sammar grampun u dendlu. Imbagħad, tah il-ħabel u beda jirregolah. U l-arloġġ beda, minn waqt għal ieħor, idoqq il-ħin tal-kwarti; kwarta wara kwarta ta' kull siegħa u, ma' kull kwarta li tiżdied mas-siegħa, jiżdiedu t-tokki u, fl-aħħar, tindaqq is-siegħa skont in-numru tas-siegħat. Missieri ħassu sodisfatt, niżel minn fuq il-banketta u daħal fil-kamra tal-ikel. "Dak l-arloġġ mhux se jħallina norqdu, b'dik il-mota kollha kull kwarta!" kienet gergritlu ommi.

"Maż-żmien tidrah, issa tara kif tidrah! Tidrah maż-żmien. Meta jkun hemm bżonn, inwaqqfu u ma jdoqqx." Hekk kien qalilha dakinhar. Imma qatt ma nesa jagħtih il-ħabel; qatt u qatt u, għalhekk, it-tokki mtennija tiegħu baqgħu jidwu mad-dar kollha kull kwarta, lejl u nhar, snin sħaħ. Tassew li drajnieh.

Tul dan il-lejl twil, dan l-arloġġ ma daqq xejn u, għalhekk, ma stajtx ninduna xħin kien. Nobsor li kien madwar nofsillejl meta smajt passi tqal telgħin it-taraġ. Stajt nintebaħ mis-sodda fejn kont li missieri kien isfel fil-bieb jistenna lil xi ħadd u, imbagħad, it-tnejn telgħu flimkien u baqgħu sejrin dritt fil-kamra tas-sodda l-kbira. Sakemm tbiegħdu, ma qalux kelma ħlief tislima qasira lil xulxin, imma, fil-bogħod (hekk kienu jidhru għalija ftit kmamar lil hinn) stajt nismagħhom jitkellmu. Kelli kurżità kbira naqbad x'kienu qegħdin jgħidu u, f'xi waqtiet, smajt lil ommi tokrob.

Xi sagħtejn wara, missieri u r-raġel l-ieħor reġgħu bdew resqin lejn it-taraġ. Qalu xi kelma lil xulxin u bdew niżlin bla kliem xejn. Fil-bieb, waqfu jitkellmu għal ftit u smajt lir-raġel iqabbad il-karozza u jitlaq. X'ħoss għamlet f'dik il-ħemda! X'kuntrast mal-isfond tal-mużika ta' billejl li kienet tinstema' mit-triq l-oħra! Missieri għalaq il-bieb, reġa' tela' u baqa' sejjer ħdejn ommi.

Ftit li xejn kien fadalli dubju x'kien ġara. F'dawn l-aħħar xhur, kont indunajt li ommi tqawwiet u żaqqha kibret ħafna. Kienet bdiet tilbes libsa wiesgħa, maħlula magħha imma l-ħxuna ġdida baqgħet tidher xorta. Xi ġimgħat qabel, konna ħerġin ilkoll mill-knisja ta' San Publju, ommi, missieri, Herbert, Violet u jien, meta resqet iz-zija Ġuża lejna u tbissmitilna waqt li daħħlet il-kuruna tar-Rużarju fil-basket iswed li kienet iġġorr magħha dejjem. "Kif int?" staqsiet lil ommi.

"Mhux ħażin, mhux ħażin, imma muġugħa."

Missieri baxxa rasu, daħħal idu fil-but tal-ġlekk, ħareġ pakkett tas-sigarretti u żamm wieħed f'idu. Ħarstu ġriet minnufih fuqi u fuq ħuti imma, l-iżjed, fuqi, il-kbir. Iz-zija fehmet kollox u ma qalitx kelma oħra. Kienet taf, wisq aktar minn kulħadd, sa fejn kellha tasal fi kliemha quddiemna. Imbagħad, missieri keċċiena minn ħdejhom. "Morru ftit lil hinn intom, sakemm nitkellmu!"

"Ixgħel xemgħa lill-Madonna, żommha mixgħula fil-kamra u agħmel wegħda wkoll," issuġġeriet ziti lil ommi b'leħen deċiż. Minn fejn kont, stajt nifhem dan il-kliem sewwa. Missieri nduna. Inħsadt u rsaqt lura qabel lissen kelma.

"Morru 'l hemm, morru 'l hemm; lanqas nistgħu nitkellmu bikom!" għajjat u aħna tlaqna niġru fuq il-Fosos u fittixna xi tfal li konna nafuhom.

Issa, mimdud wiċċi 'l fuq fis-sodda, bingħas wara lejl imqajjem u bla ebda ħajra li norqod, bdejt ngħaqqad kollox u nifhem aħjar. Missieri reġa' kien fil-kamra ta' ħdejja, issa wkoll jippassiġġa u jpejjep bla waqfien. Ma setax ma ndunax li kont ili mqajjem u naħseb li basar li ftit li xejn irqadt dak il-lejl. Donnu fehem li ma kellux għalfejn jibqa' jaħbili aktar. Wara kollox, jiena kont il-kbir fost ħuti.

"Trid tqum?" qalli waqt li ttawwal minn bejn il-purtiera u reġa' lura. Tirt mis-sodda, ilbist il-papoċċ u mort niġri fil-kamra tas-sodda l-kbira. Missieri ħares lejja minn taħt u ma qalx kelma.

"Xi ġralek, Ma? Għaliex qiegħda tibki?"

Mixħuta wiċċha 'l fuq, baqgħet tokrob, xi drabi titniehed u, f'xi waqtiet, tgemgem kliem li ma stajtx nifhmu. Ħarset lejja, għamilt il-kuraġġ u rsaqt maġenbha. Wiċċha kien bejn isfar lellux u bejn ħamrani, għajnejha mżellġin bid-dmugħ li sikwit kienet timsħu bit-tarf tal-komma.

Irġajt staqsejtha xi ġralha u għaliex kienet qed tibki. B'xi mod, bdejt nobsor it-tweġiba imma ma kelli ebda prova tagħha. Il-bieb tal-kamra li kien jagħti għall-gallerija ta' ġewwa kien imbexxaq u d-dawl kien jidħol bi tbatija minn bejn il-purtieri blu skuri. Il-linfa kienet mitfija imma x-xemgħa tixgħel quddiem ix-xbiha tal-Madonna fuq il-gradenza maġenb is-sodda t'ommi kienet qed tixħet is-sfurija tagħha fuq nofs il-kamra. "Tista' tixgħel ibni," qaltli sa fl-aħħar.

Bqajt inħares ċass lejha, nistennieha titkellem. Irsaqt lejn is-swiċċ u xgħelt il-linfa. Fir-rokna tal-kamra, warajja, fuq it-tavolina li fil-Milied konna nqiegħdu l-presepju fuqha, ilmaħt it-tarbija, wiċċha tond u skur, imgeżwra f'libsa twila ħafna, bajda, b'xall miftuħ li kien jinżel u jinfirex mat-tavolina kollha. Irsaqt lejha maħsud u bqajt inħares skantat. Xtaqt immissha, inħarrikha, iżda rogħda ta' biża' ġriet ma' ġismi kollu. Imxejt pass lura u għajnejja ltaqgħu ma' għajnejn ommi.

"Mietet, ibni, mietet ftit wara li twieldet!"

Bdejt nibki u baxxejt rasi.

"Ħejjejtilha kollox, ibni, hemm ara," u, b'idejha t-tnejn, urietni turrun ħwejjeġ, uħud ġodda u oħrajn li naħseb li kienu trabbew miegħi u ma' ħuti, ilkoll mitnija bil-galbu fi friskatur kbir tal-aluminju, iserraħ fuq tripied għoli.

"Xħin twieldet Ma?" għamilt il-kuraġġ u staqsejtha.

"Ftit wara nofsillejl, jew forsi aktar tard ukoll, ma nafx sewwa. Missierek waqqaf l-arloġġ tat-taraġ u ma nafx xħin kien. Waqqaf l-arloġġ; ma riedkomx tqumu."

Għedtilha li jien m'għalaqtx għajn m'għajn u li kelli ħjiel ta' x'kien qed jiġri.

"Int issa qed tikber u l-ħajja trid tkun tafha. Indunajt, hux, ibni?"

"Imma ma bsartx..."

"Ma bsartx li mietet hux," qaltli, u reġgħet infaqgħet f'bikja.


Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun **informattiva u/jew ta' interess ġenerali** u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-fuljett ikun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibagħtilna *email* fuq: **maltakna@gmail.com**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jippubblika kull kitba li jista' jirċievi jew le.

# Toninu joħodha ma' Ġinu

***Rakkont ta' Anthony Said minn Floriana***

"Hekk sew, sieq fuq sieq, ma tagħmel xejn! Bonġu, Sur Said iż-Żgħir!" qal raġel li daħal fil-ħanut. Toninu nħasad għax kien mhedi jaqra rivista. Ħares 'il fuq u ra lil Ġinu Formosa. Ġinu kien burdnar li missieru kien iqabbad biex iwassallu l-affarijiet għand in-nies. Lin-neguzjant iż-żgħir, dan Ġinu ma tantx kien jogħġbu. Kien jitkellem jgħajjat, iħobb jinki u jiftaħar u dejjem ħalqu mċarrat; qisu qed jitmellaħ b'dak li jkun. Imma Toninu kien jaf ukoll li missieru kien jirrispettah ħafna għax Ġinu kien jaqdih tajjeb u l-ħlas li kien jitlob ma kienx għoli lanqas.

"Fejn hu missierek, ġuvnott?" staqsa Ġinu. "Ara kemm hu pulit bil-ġlekk! U b'dik l-ingravata wkoll; qisux artist?"

"Missieri mhux hawn, Ġin," qal Toninu hekk kif għalaq il-magażin u qam minn fuq is-siġġu, "Tista' tgħid lili."

Toninu kien itwal minn Ġinu imma l-burdnar kien kollu żufjett u għamel mossa taparsi kien ser itih daqqa ta' ponn ġol-istonku tiegħu. Toninu tgħawweġ, intefa' lura u tfantas għax daċ-ċajt xejn ma kien jogħġbu.

"Mhux aħjar tgħidli xi trid, Ġin, flok noqogħdu nilagħbu bl-idejn?" qal Toninu b'leħen awtorevoli.

"U ejja, Ton; niċċajtaw! Serju wisq int; mhux bħal missierek!" qallu Ġinu li, għalkemm baqa' jitbissem, donnu ma ħax gost bl-attitudni tal-ieħor. Dak il-ħin, daħal missier Toninu u, kif ra lil Ġinu, mar dritt fuqu u bdew jiċċaċċraw flimkien. Toninu ħassu mwarrab u aktar tbehren. Xħin ma felaħx iżjed, dar lejn missieru u: "Pa," qallu, "ċemplu ta' Kraken Fishing u jridu ... " beda biex jgħid. Imma Ġinu dar lejh u tah ħarsa kerha.

"Int hekk tagħmel, xbin? Tiddeffes fin-nofs meta n-nies ikunu qed jitkellmu?" qallu bil-leħen dominanti tiegħu.

"Din urġenti u aktar importanti minn dak li qed tgħidu!" qallu Toninu bla ma ddejjaq xejn li missieru kien qed jisma'. Imma Ġinu ma ħax pjaċir. Għolla idu u ħataflu mnieħru. Toninu beda jwaħwaħ għax ħass imnieħru ser jinqala' bl-uġigħ. Għatta wiċċu b'idejh, inġibed lura u qagħad iserrah mal-mejda.

"Hekk; ħa titgħallem tkun aktar prudenti, *boy*!" qallu Ġinu hekk kif dar u reġa' beda d-diskursata mal-missier. Dan tal-aħħar, ma ħadhiex tant bi kbira. Kien jaf kemm hu skjett u kollu żufjett il-burdnar u li ma kienx jaħsibha wisq u, għalhekk, minflok, tbissem. "Jekk trid, inkomplu nitkellmu fl-uffiċju." qallu. Sadattant, ibnu kien għaddielu xi ftit u reġa' qam fuq tiegħu.

"Jekk ser tiddiskutu xi ħaġa fuq ix-xogħol, irrid inkun preżenti." qal Toninu b'serjetà kbira għax ma riedx



jitħalla barra f'dawn l-affarijiet.

"Dan ma jridx jaf! Kemm iħobb jiżżattat!" lissen Ġinu hekk kif il-missier ħareġ u hu beda miexi lejn l-uffiċju. Toninu ma riedx iċedi u beda miexi warajhom huwa wkoll. Imma żewġ passi laħaq għamel għax, b'daqqa ġol-kozz t'għonqu, stira u waqa' bilqiegħda fuq siġġu. "Int oqgħod hawn; indokra l-ħanut!" qal b'żufjett Ġinu qabel ħareġ. Missier Toninu ma ntebaħx b'dak li kien għaddej u mar mal-burdnar fl-uffiċju.

Ġinu kien raġel li jitilgħulu malajr u idu ħafifa. Minħabba x-xogħol li kien jagħmel, kien raġel b'saħħtu wkoll. Għaldaqstant, Toninu dam xi kwarta ċċassat fuq is-siġġu jara l-istilel iduru tond quddiem għajnejh, qabel beda jistejqer. "Ajma ħej! X'daqqa dik dalgħodu! Kif damdmitni!" gemgem waqt li qagħad jogħrok għonqu. "Irrid noqgħod attent minn Ġinu, għax idu ħafifa wisq!" Meta ġie f'tiegħu, Toninu rrealizza li kien wasal il-ħin biex jagħlaq il-ħanut għall-waqfa ta' nofs il-jum. U hekk għamel. Imbagħad, neħħa l-ġlekk, ħall l-ingravata u tella' jserraħ riġlejh fuq il-mejda. Ħares lejn l-arloġġ u ra li kienu għadhom is-sagħtejn. Kellu ħin jieħu nagħsa ħafifa qabel jerġa' jiftaħ il-ħanut għal xi t-tlieta. Ftit wara li fetaħ, daħal raġel qisu ġgant. "Bonġu sinjur! Fiex nista naqdik?" qallu Toninu hekk kif qam minn fuq is-siġġu.

"Qed infittex lil Ġinu Formosa" qal il-ġolf b'ton meqjus. "Taf tgħidli fejn nista' nsibu? Naf li lilkom spiss jaqdikom u jien għandi bżonnu ... biex iġorrli xi merkanzija."

Toninu kien kollox u ser jgħidlu fejn jista' jsib lil Ġinu imma, xi ħaġa fil-mod kif dak ir-raġel kien qed jitkellem, ma daqqitlux. "Dak, jiġi hawn, meta jkollna bżonnu biss." qal l-iben. "Aktar missieri jikkomunika miegħu milli jien."

"Tista' tgħidli fejn nista' nsibu?" insista l-ġgant b'ton ta' wieħed li issa kien donnu qed jitlef sabru.

"Għandi n-numru tiegħu xi mkien." qallu Toninu, li għamel tabirruħu qed iqalleb fil-kexxun. Minn taħt il-għajn, Toninu nduna li l-ieħor kien qed iħares lejh b'ħarsa xejn kumplimentuża. "Jiddispjaċini, sieħbi!" temtem b'ton apoloġetiku. "Imma ma nistax insib in-numru tiegħu. Naħseb li ... "

Kien hawn li l-ġolf qabżitlu ċ-ċinga! Ħataf lil Toninu minn sidru, ġibdu lejh u: "Ismagħni sew, ħabib!" ordnalu bi tħarħira tbaqbaq fi grieżmu. "Jekk qed taħseb li lili ser tgħaddini biż-żmien, sejjer imqarraq. Jaqbillek tgħidli li taf fuq Ġinu għax tispiċċa ħażin int ukoll!"

Toninu twerwer. Għalkemm mill-ewwel kien għaddielu l-ħsieb li dak il-faħal kien bniedem ta' karattru suspettuż, qatt ma basar li kien ser jaħtfu hekk. Il-ġgant imbuttah fuq is-siġġu u l-imsejken Toninu kellu jgħidlu xi ħaġa fuq Ġinu, imma l-importanti ma qalulux. Il-ġolf telaq imma mhux qabel ma wissieh u heddu. Għalkemm kien kemxejn beżgħan, Toninu għalaq il-ħanut bil-ħatfa u segwa l-passi ta' dak ir-raġel misterjuż mill-bogħod. Toninu kien jaf Ġinu fejn joqgħod u kien ser imur iwissih. Imma, meta l-ġgant wasal fil-kantuniera ta' fejn is-Suq fi Triq il-Merkanti, iltaqa' ma raġel ieħor gwapp daqsu. Kien hawnhekk li Toninu rrealizza li, għalkemm hu ma kienx għarraf lil dak il-ġolf fejn kien jgħix Ġinu, bilfors li xi ħaddieħor tkellem għax iż-żewġt irġiel daru għal Triq l-Arċisqof, kisru għal Triq ir-Repubblika, baqgħu niżlin dritt lejn id-Dijuballi, daru għal Triq San Nikola u daħlu fil-kerrejja fejn kien joqgħod Ġinu. Toninu aktar beża' imma ddeċieda li, ladarba kien wasal s'hawn, issa ma setax jieqaf. B'qalbu ttaqtaq, tela' t-tieni ndana taraġ sa fejn il-gorboġ ta' Ġinu u, mill-bieb imbexxaq, sema' ilħna jitkellmu b'mod aggressiv. Intebaħ li Ġinu kien fl-inkwiet! Niżel jiġri u baqa' sejjer dritt l-Għassa tal-Pulizija.

"Allaħares ma kontx int, Tonin," qallu Ġinu hekk kif il-pulizija kaxkru lil dawk iż-żewġt irġiel 'il barra u ħaduhom l-Għassa; "għax żgur kienu joqtluni!" Toninu ma riedx jaf għala Ġinu kien fl-inkwiet ma' dawk il-ħajjiena imma, minn dakinhar 'il quddiem, il-burdnar beda jirrispetta lis-Sur Said iż-żgħir daqskemm kien jistma lil missieru; jekk mhux aktar ukoll! Min-naħa tiegħu, Toninu kiseb ħabib ġdid għax Ġinu kien spiss imur il-ħanut jagħmillu kumpanija waranofsinhar u hemm joqgħodu jikkummidjaw, jilagħbu xi logħba karti, jixorbu l-kafè u jxappu l-biskuttelli.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna.**

Is-Sinjuri E u L Bezzina **-** €10.00
Is-Sur Salv Sammut **-** €10.00

**L-Editur**

# It-te ta' Lonzu

***Rakkont ta' Vincent Piccinino***



Stiefnu ma kienx ta' xi skola kbira imma ma kienx tifel injorant lanqas. Meta spiċċa l-primarja, ma riedx ikompli s-sekondarja. Ħareġ mill-iskola u beda jfittex ix-xogħol. Għall-ewwel, kien jaħdem bħala lavrant ma' wieħed negozjant li kellu ħanut il-Belt. Imma, billi kien fih persuna, xi ħadd webblu jidħol fil-Korp tal-Pulizija bħala kuntistabbli. U ma marx ħażin għax, f'karriera ta' iktar minn ħamsa u għoxrin sena, mhux biss laħaq surġent imma anki rnexxielu javvanza għar-*rank* ta' maġġur ukoll.

Quddiem id-*Depot*, fejn Stiefnu spiss kien ikun stazzjonat, kien hemm ħanut tat-te ġestit minn raġel imdaħħal fiż-żmien, jismu Lonzu. Lonzu kien għadu jagħmel it-te la antika; mhux bit-*tea-bags* imma bil-weraq tat-te f'passatur iswed faħma bi snin ta' tartru ta' din ix-xarba orjentali. Lonzu kien iferra l-misħun jagħli u jgħaddih minn dan il-passatur mimli sax-xifer bil-weraq tat-te u jħallih iqattar ġot-tazza sakemm iħossu sodisfatt li t-te jkun reħa u ħa l-kulur u l-*aroma* ta' din il-pjanta niexfa miġjuba mill-Indja mill-Ingliżi.

Stiefnu kien dara jaqbeż qabża sal-ħanut ta' faċċata tad-*Depot* għax it-te ta' Lonzu kien jogħġbu wisq; te kark, b'kuċċarina waħda zokkor u naqra ħalib tal-bott, kemm kemm idardru. Biż-żmien, Stiefnu ħadha f'ilsienu jfaħħar u jgħolli mas-sema it-te ta' Lonzu. Id-dar, u kull fejn kien ikun u joffrulu kikkra te, jekk jistaqsuh hux tajjeb, jew jekk għoġbux, kien jgħid iva imma mhux daqs it-te ta' Lonzu. Għalih, bħat-te ta' Lonzu, ma ssib imkien; lanqas l-Indja stess. Għall-ewwel, il-qraba u l-ħbieb li kienu jisimgħuh jgħid hekk kienu jiggustawh imma, biż-żmien, id-diska tibda tiġġenġel xi ftit u l-uċuħ ma jibqgħux jitbissmu daqs qabel u dak li jkun kien iħares lejh b'wiċċ ta' xi ħadd li qisu jrid jgħidlu, "Issa dardartna bit-te ta' Lonzu tiela' u t-te ta' Lonzu nieżel!"

L-istess il-mara tiegħu, Dolores. Għall-bidu ma kinitx tagħti kas imma, tismagħha llum u terġa' tismagħha l-għada u l-pitgħada, ftit ftit, bdiet turi sinjali li donna kienet qed tieħu għaliha. Darba fost l-oħrajn, għal xi l-ħamsa ta' waranofsinhar, Stiefnu kien id-dar u talabha tagħmillu tazza te. Ma kinitx tazza te li talabha għax, fil-pront, daret fuqu bħal seqer u, bil-ħatfa, qaltlu, "Jekk trid it-te, jew agħmlu int jew, inkella, mur għand Lonzu!" U Stiefnu tant kien tifel tajjeb li dan il-kliem lanqas biss ħadu bl-*ifront* imma ħadu litteralment bis-serjetà għax weġibha li mhux vallapena joqgħod imur sal-Furjana għal naqra te. U, kieku biss, bħal dak il-ħin, Lonzu ma jkunx miftuħ għax, waranofsinhar, kien jagħlaq u għax, xħin jidlam, ħdejn id-*Depot*, ikun qisu ċimiterju.

Xi jiem wara, Dolores kellha bżonn tidħol il-Belt għax riedet tagħmel erba' qadjiet; is-Suq, fuq il-Monti, għand tal-buttuni u għand tal-ħwawar. Imma, mid-dehra, kellha xi ħaġa oħra f'moħħha wkoll għax, meta l-karozza tal-linja waslet ħdejn il-Knisja ta' San Pupulju, Dolores niżlet, qasmet il-Mall, imxiet tul Triq Vincenzo Dimech, biswit ix-Xagħra tal-Furjana, u lwiet fuq ix-xellug għal Pjazza San Kalċidonju. Imma, quddiem id-*Depot*, kien hemm iktar minn ħanut tat-te wieħed. Staqsiet lil raġel li nzerta fuq l-istess bankina tagħha u hu wriha liema hu l-ħanut ta' Lonzu.

Ittawlet fil-ħanut. Kieku ma tantx kien hemm nies, jaħasra! Barra dak li kien hemm wara l-bank, kien hemm wieħed bilwieqfa quddiemu jteftef fil-portafoll u ieħor bilqiegħda ma' mejda, jitbewwes ma' tazza te. Dak li kien bilwieqfa quddiem il-bank ma damx wisq ma ħallas u telaq 'il barra. L-ieħor iktar ħadha bil-lajma imma, wara li laqqat it-tazza kważi sal-qiegħ, ħareġ ukoll.

Dolores daħlet fil-ħanut u, lil ta' wara l-bank, iktar tgħidlu milli tistaqsih, qaltlu, "Int Lonzu, hux?"

"Jien, kollni kemm jien!" dlonk weġibha l-ieħor. "X'għandek bżonn?"

"Lis-Surġent, Stiefnu Debrincat, tafu?" reġgħet.

"Dażgur li nafu! Dak min ma jafux?" kompla Lonzu. "Dak, meta jkun xogħol hawn, dejjem iħobb jiġi għat-te għandi għax jgħid li, bħalma nagħmlu jien, ma jagħmlu ħadd!" ftaħar sid il-ħanut.

"Naf, naf," kienet pronta qaltlu Dolores. "Jien il-mara tiegħu u għalhekk ġejt hawn, għax daqt jiffissa fuq it-te tiegħek! Lil kulħad jgħid! Tgħidx kemm ikun għoddu se jġellidni ma' nies!" Lonzu tbissem u Dolores kompliet billi ordnatlu te eżatt eżatt kif jagħmlu għal żewġha u talbitu biex, jekk jogħġbu, jgħidilha kif jagħmlu ħalli d-dar tibda tagħmilhulu kif iħobbu hu. U Lonzu qalilha x'marka ta' te jixtri u x'ħalib juża u kemm jagħmel zokkor u qagħad ukoll jispjegalha bil-paċenzja kollha kif jagħmlu qabel iservih lill-klijenti tiegħu.

Dakinhar, Stiefnu kien imissu għassa mill-erbgħa ta'

filgħodu sa nofsinhar. Wasal id-dar għall-ħabta tas-siegħa nieqes kwart. Neħħa l-uniformi, libes xi ħaġa ħafifa, kiel u daħal jistrieħ daqsxejn. Wara ftit iktar minn sagħtejn, Dolores daħlet ħdejh u, "L-erbgħa u nofs," qaltlu. "Għandek it-te!"

Stiefnu qam bilqiegħda fuq is-sodda, bl-imħaded wara dahru, newwel idu u, "Dan x'kien fit-tazza?" qalilha. "Int mhux dejjem fil-kikkra ttihuli, għax tgħid li n-nies ċivilizzati fil-kikkra joħduh mhux fit-tazza?" Imbagħad xorob l-ewwel boqqa u iktar skanta. "Dan qisu bħal ta Lonzu! Kif irnexxielek tagħmlu hekk?" staqsieha.

"Fittixt fuq l-*Internet*," ħarrfitlu.

"Mela fuq l-*Internet* anki r-riċetta tat-te ta' Lonzu jkun hemm?" reġa' staqsieha.

"Fuq l-*Internet* kollox ikun hemm!" weġbitu u ħarġet mill-kamra tas-sodda.

Lanqas laħaq wasal id-*Depot* l-għada filgħodu. Rah Turu u, "Ilbieraħ kien hawn il-mara tiegħek," qallu. "Hi m'għarfitnix imma jien għaraftha, għax ġieli rajtha miegħek. Staqsietni għal ħanut ta' Lonzu. Ma kontx naf li Lonzu popolari daqshekk!"

Stiefnu mhux imbeċilli. "Mela hekk saret taf kif tagħmlu t-te! Mhux għax sabitha fuq l-*Internet*; ja xadina li hi! Iktar jien, blajtha wkoll!"

Xħin wasal id-dar, għamel tabirruħu bin-nervi; la kellimha u lanqas ħares lejha. "X'għandek?" staqsietu. "Jaqaw kellek xi problema fuq ix-xogħol?" riedet taf.

"Ilbieraħ rawk Balzunetta galantoma!" ħatafha.

Ħmaret u tbissmet fl-istess waqt u, "Kif taf?" staqsietu.

"Aħna d-*Depot* jaslilna kull xorta ta' rapport!" gidbilha.

"Ara veru li ma tista' tagħmel xejn bin-nies tad-dinja!" stagħġbet.

"U anki kieku ma qalulix, xorta waħda kont insir naf; mill-*Internet*!" qalilha.

"Mela fuq l-I*nternet* anki l-movimenti tan-nies ikun hemm?" reġgħet staqsietu.

"Fuq l-*Internet* ikun hemm minn kollox!" weġibha u qam biex imur jistrieħ.

"U ajma, kelli nagħmel żewġ qadjiet u, qabel dħalt il-Belt, għaddejt ħa nara min hu dan Lonzu li tant tiftaħar bih u nduq it-te maġiku tiegħu," qerret.

"Allura, għoġbok it-te ta' Lonzu?" staqsieha.

"Le!" irrispondietu. "Għalija qisu togħma ta' serratura tal-injam. Jien ma nħobbux hekk. Jien kif nagħmlu jien jogħġobni. Imma Lonzu jidher orrajt," spiċċat tgħidlu bi tbissima mqarba.

"Ara ma ngħidlekx!" qalilha u telaq jorqod.

Stembaħ xi l-ħamsa nieqes kwart. Ta titwila lejn l-arloġġ fuq il-komodina u, meta ra xħin kien sar, qam bilqiegħda fuq is-sodda, irranġa l-imħaded sew wara dahru u, mill-kamra tas-sodda, għajjat b'ħanġra daqsiex biex tisimgħu mill-kamra l-oħra, "Lonz, dak it-te ġej, jew?"

U, mill kċina, b'leħen sarkastiku, Dolores qaltlu, "Għal li jista' jkun, ma tridx xi pastizz għal miegħu, ukoll, hux?"

Stiefnu daħaqha u "Iva ta; mhux idea ħażina," qalilha bi tbissima mqarqċa, jgħajjat kemm jiflaħ biex ikun ċert li semgħetu. "Ejja! Anki mingħajr it-te. Imbagħad, fil-kaz, it-te nieħdu wara!"

# Tisliba Numru 121

Minħabba li, din id-darba, m'aħniex qed inġibu t-Tisliba tas-soltu, qed inħabbru s- Soluzzjoni tat-Tisliba tal-aħħar darba flimkien mal-isem tar-rebbieħ tagħha.

Ir-rebbieħa tal-aħħar darba kienet is-Sinjura Connie Attard minn B'Kara. Prosit!

<u>Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 121 hija din:</u>

**Mimdudin:** 1. dennes, 5. taqleb, 10. leg, 12. adatt, 14. lvant, 15. dras, 16. at, 17. ħaruf, 19. armla, 22. relattiv, 24. dar, 25. ħamsin, 28. nġarr, 31. ħalba, 33. granita, 35. mieta, 37.if, 38. Randon u 39. żvelt.

**Weqfin:** 2. evita, 3. null, 4. segatur, 6. asaħħ, 7. Briffa, 8. ġandar, 9. battal, 11. Eva, 13. tarbija, 18. ħars, 20. mdallam, 21. lam, 23. tentattiv, 26. naddaf, 27. legleg, 29. rkaptu, 30. sħaħar, 32 Ave, 34. isfel, u 36. tin.



# San Ġwann Bosco – il-Qaddis taż-Żgħażagħ

*kitba ta' Fr Charles Buttigieg*

San Ġwann Bosco twieled fis-16 t'Awwissu 1815 fir-raħal ta' Becchi f'Castelnuovo d'Asti (illum Castelnuovo Don Bosco) u miet f'Turin fil-31 ta' Jannar 1888. Missieru kien bidwi jismu Frangisku u ommu kien jisimha Margherita. Safa' orfni ta' sentejn meta miet missieru u, għalhekk, trabba fil-faqar. Ommu, armla bi tlitt itfal, ma ridetx żwieġ ieħor u ddedikat ħajjitha biex tieħu ħsieb uliedha. Giovanni għamel l-Ewwel Tqarbina fis-26 ta' Marzu 1826.

Kien tfajjel ta' fidi u talent kbir u mill-ewwel ġibed l-attenzjoni tal-Kappillan ta' Morialdo, Don Giovanni Calosso, saċerdot anzjan li, minn butu, beda jħallas għall-istudji tiegħu għas-saċerdozju. Imma, bil-mewt tal-Kappillan, kollox waqaf u, mill-ġdid, Giovanni kellu jmur għax-xogħol. Imma huwa kellu intelliġenza kbira u rieda qawwija u, bejn l-1835 u 1841, ta' għoxrin sena, issokta l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' Chieri. Mamma Margherita inkorraġġietu ħafna f'din is-sejħa u kienet tgħidlu: "Tinkwetax għalija; jien twelidt fqira, għext ta' fqira u rrid immut fqira. Jekk issir saċerdot u, b'diżgrazzja, issir sinjur, ma nirfisx l-għatba ta' biebek, lanqas darba waħda. Dan la tinsieħx!"

Biex iħallas fejn kien joqgħod waqt l-istudji tiegħu, kull filgħaxija kien jgħin f'kull xogħol li kien isib: ħajjat, dulċier, mastrudaxxa, ħaddied jew skarpan. Kellu ħbiberija speċjali ma' San Giuseppe Cafasso u kien influwenzat ħafna mill-ispiritwalità ta' San Franġisk de Sales u minn San Alfons Marija de Luguori. Sar djaknu fid-29 ta' Marzu 1841 u, fil-5 ta' Gunju tal-istess sena, kien ordnat saċerdot mill-Arċisqof ta' Turin. Fit-8 ta' Diċembru, laqa' lil Bartholomeo Garelli, l-ewwel tifel fl-Oratorju, l-opra meraviljuża tiegħu li għenet eluf ta' tfal u żgħażagħ. Fl-1858, sar magħruf fl-ambjenti ekkleżjastiċi u politiċi Taljani meta kellu udjenza mal-Papa, il-Beatu Piju IX. Il-Papa semgħu fit-tul bl-ikbar interess, approva dak li sema' u ħeġġu jikteb dak li kien irrakkontalu dwar it-twaqqif ta' Kongregazzjoni li tieħu ħsieb l-edukazzjoni taż-żgħażagħ. Fl-1867, reġa' mar mill-ġdid għand il-Papa imma b'idu f'idu u l-Papa qallu: "Tajjeb, issa ħalli kull ħidma oħra u ibda ikteb. Issa mhux parir qed nagħtik imma ordni!" U Giovanni kellu jikteb il-memorji tiegħu forma ta' awtobijografija imma li tasal biss sa ma kellu erbgħin sena.

L-idea tal-Oratorju, bħal kull opra tajba oħra, sabet it-tfixkil mix-xitan li jaħdem permezz tal-bnedmin. L-istorbju tal-oratorju dejjaq lill-intelligenti u, għalhekk, San Ġwann Bosco kellu jġorr minn naħa għal oħra, ifittex post sakemm, ġo Valdocco, bil-mod il-mod, fost fid-diffikultajiet li ma timmaginahomx, stabbilixxa l-opra tiegħu. Il-gvern liberali u massoniku tal-Piemonte ma niżillux dan is-saċerdot imdawwar b'erba' mitt żagħżugħ. Nies awtorevoli ppruvaw jipperswaduh iżarma l-Oratorju imma ma rnexxilhomx. Oħrajn, b'metodi diżumani, kienu jhedduh u jbeżżgħuh billi jaqbżu fuqu b'wiċċhom mgħotti. Mikieli, missier il-famuż Camillo Benso, Konti ta' Cavour, indaħal biex jingħalaq l-Oratorju bl-iskuża tal-ordni pubbliku imma r-Re Karlu Albertu, li kien jaf lil Don Bosco personalment u kien japprezza dak kollu li kien qed jagħmel maż-żgħażagħ, ma ħalliehx. Kien hemm min ipprova jbeżża' liż-żgħażagħ filwaqt li jgħasses kull attività ġewwa u barra l-knisja. Mill-Kappillani ta' Turin, Don Bosco ftit irċieva għajnuna. Il-biċċa l-kbira tat-tfal li kien jiġbor kienu barranin. Il-ġenituri tagħhom kienu jiġu l-belt biex ifittxu xogħol. Meta ma jsibux, kienu jitilqu u jħallu t-tfal warajhom. Jew, inkella, żgħażagħ li marru l-belt ifittxu impjieg. B'xorti tajba, sabu qassisin miftuħin għall-ispirtu, bħal Cafasso, Borel u l-Arċisqof Fransoni li, għalih, l-Oratorju kien il-parroċċa taż-żgħażagħ mingħajr parroċċa. Jingħad li l-kelb misterjuż *Grigio* kien dejjem jipproteġi lil San Ġwann Bosco.

U xi ngħidu għad-devozzjoni li kellu dan is-saċerdot taż-żgħażagħ lejn San Ġużepp u lejn il-Madonna? Din id-devozzjoni, li xerridha, speċjalment, fost iż-żgħażagħ, kienet ispirata fih minn San Franġisk de Sales li s-Sależjani ħadu isimhom minnu. Dan San Franġisk de Sales kien jgħid li San Ġużepp mhux biss huwa l-Patrijarka imma l-Kap tal-Patrijarki kollha. Huwa aktar minn Konfessur, huwa aktar minn Martri għax il-fedeltà tal-Konfessuri u l-ġenerożità tal-Martri jinsabu miġburin f'Ġużeppi fi grad l-aktar għoli! Bħal San Ġużepp, San Ġwann Bosco kien il-missier putattiv ta' ħafna żgħażagħ. Huwa kien dejjem isostni li, wara Ġesù u l-Madonna, għandu jkollna devozzjoni kbira lejn il-Glorjuż Patrijarka u Missierna San Ġużepp, kif kien iħobb isejjaħlu. Fil-ktieb li kiteb dwar San Ġużepp, *Vita di San Giuseppe, sposo di Maria Santissima e Padre Putativo di Gesù Cristo,* huwa ddedika tlieta u għoxrin kapitlu dwar il-ħajja tal-*Kustodju tal-Feddej*. Huwa jeżalta lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Moribondi, liema kitbiet u tagħlim żgur li nfluwenzaw it-tagħlim tal-Knisja dwar San Ġużepp fis-sekli dsatax u għoxrin. Don Bosco poġġa lil San Ġużepp bħala wieħed mill-patruni tal-Orotorju ta' Valdocco u għażlu bħala l-Protettur tagħhom waqt l-eżamijiet. Proprju fis-Santwarju tal-Bażilika ta' Santa Marija Awżiljatriċi ġewwa Turin, insibu altar partikulari ddedikat lil San Ġużepp, inawgurat u mbierek mill-qaddis stess fis-26 t'April 1874. Il-kwadru li hemm fuq dan l-altar, juri lil Ġesù f'dirghajn San Ġużepp b'ċestin mimli ward aħmar u abjad, liema ward, Ġesù qed joffrih lil San Ġużepp biex ixerrdu u jbierek l-Oratorju tiegħu u lill-knisja ta' Turin. San Ġwann Bosco kiteb hekk: "Nixtieq li l-Insara kollha jafdaw ruħhom taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Jekk titolbuh bil-qalb, taqilgħu kwalunkwe grazzja, kemm dawk spiritwali kif ukoll temporali."

Il-Qaddis Don Bosco jinsab midfun proprju f'din il-Bażilika. San Ġwann Bosco huwa l-Fundatur tas-Sależjani, li twaqqfu fl-1854, u tal-*Figlie di Maria Ausiliatrice,* li twaqqfu fl-1872 bl-għajnuna ta' Santa Marija Domenica Mazzarello. Huwa sar Beatu fit-2 ta' Gunju tal-1929 u kien iddikjarat Qaddis mill-Papa Piju XI nhar l-1 t'April tal-1934.

# Kitbieti minsuġin mal-istorja ta' ħajti

***Kitba ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija***

Niftakar qisu lbieraħ, meta kelli inqas minn sitt snin u kont nara 'l ommi tikteb ittra lil oħtha li kienet tgħix l-Amerka. Kienet tikteb bil-Malti. Forsi, kieku dik il-kitba terġa' tiġi f'idi llum, min jaf kemm inqatta' xagħri minħabba l-iżbalji tal-ortografija li seta' kien fiha. Imma, dak iż-żmien kont għadni sajjem minn dawn il-kumplikazzjonijiet.



Ħija Ġużi, li kien jistudja l-Liċeo, kien diġà beda jitħabbeb mal-ilsien Malti. Darba waħda, ġab il-ktieb, *Alla taż-Żgħażagħ*, ta' Karmenu Vassallo. Ta' kurjuż li dejjem kont, niftakar li ftaħtu, qallibt il-paġni kollha imma sa daqshekk wasalt.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti twaqqfet fl-1920. Minn hemm beda ċaqliq aktar mgħaġġel lejn l-apprezzament u l-użu tal-ilsien Malti li beda dieħel u jixtered ġmielu. Biex ngħidu kollox, qabel dan, kienu jiġu stampati kotba tal-mogħdija taż-żmien. Dawn x'aktarx li kien ikun fihom stejjer bi sfond storiku u kienu laħqu ħarġu madwar mitt wieħed minnhom. Illum għandhom valur storiku kbir. Infatti, sirt naf li, fl-1955, il-gvern kien għamel sejħa biex jixtri dawn il-kotba bil-għan li jitpoġġew fil-biblijoteka. Jien għandi wieħed minnhom, jismu *Marì ta' Torri Falka*. Għandu l-paġni sofor bit-toqob tas-susa u bit-truf imtenfxin, donnhom gerrmuhom il-ġrieden imma tgħdx kemm hu għal qalbi u ngħożżu daqs il-mimmi t'għajnejja.

Kienu ġew f'idejja wkoll għadd ta' *Il-Pronostiku Malti*, b'qoxra rqiqa ħadra fuq barra, ta' bejn l-1880 u l-1887. Minbarra l-almanakk, dawn kien ikun fihom ukoll stejjer qosra u poeżiji bil-Malti. Il-ġurnali bil-Malti, ir-rumanzi bil-faxxikli, it-teatrini bil-Malti (li kienu popolari ħafna) u x-xandir bil-Malti fuq ir-*Rediffusion* kollha kellhom sehem fit-tixrid ta' dan l-ilsien għażiż tagħna.

Missieri kien xtara radju u bdejna nisimgħu l-aħbarijiet. Fil-lejla tal-10 ta' Ġunju tal-1940, smajna lil Mussolini jħabbar li l-Italja ddikjarat gwerra kontra Franza u l-Ingilterra. Ommi, missieri u ħija baqgħu imnixxfin b'din l-aħbar imma jien, ta' tifel li, ħmistax qabel, kien għamel il-Preċett, bqajt sieket. Mill-għada stess, Bormla, l-Isla u l-Birgu sfaw il-mira tal-bombi tal-għadu. Iz-ziju t'ommi, Nazju Psaila, stieden lil ommi u lill-familja kollha biex immorru nsibu kenn fid-dar tiegħu; dar kbira, b'erbatax-il kamra u, f'inqas minn ħmistax, tlaqna minn Bormla u sibna ruħna refuġjati f'Birkirkara.

Bdejt nattendi fi skola li, wara, ġiet mibdula fi sptar u, bil-mod il-mod, bdejt ingaħġaħ mhux ħażin fil-kitba tal-Malti. Fil-kamra tal-bejt, kien hemm skrivanija u bdejt inħobb nitla' fiha għall-kwiet nipprova nħażżeż xi ħaġa.



Ħija Ġużi ġieli ħadni naraw *film*, ir-Roxy. F'moħħi, għad għandi fotokopja ta' dak li kont nara dak iż-żmien. Darba, rajna *film* bla kulur u niftakar li kien fih għadd ta' rġiel rikbin fuq iż-żwiemel, libsin speċi ta' ċoqqa bajda bil-barnuża bil-ponta u bit-toqob għal għajnejhom, ħalli jkunu jistgħu jaraw; proprja fratelli tal-Ġimgħa l-Kbira! Meta mort lura d-dar, staqsejt lil missieri u niftakar li dan qalli li dawk huma tal-*Klu-klux-klan*. Darb' oħra, rajna *film* bil-kulur u, taħt arkata mxebilka bil-kampanella miżgħuda fjuri, kien hemm żagħżugħ u żagħżugħa li xejn ma qagħdu lura mill-bews. Staqsejt lil ħija imma dan, xott xott, kulma qalli kien biss li dawk kienu għarajjes. *Film* ieħor, bil-kulur ukoll, kien fih Indjan bir-rix ma' rasu li kellu jaħrab minn xi ħadd li kien qed jiġri warajh. Deher imwerwer miskin u, lili, niftakar li, tant impressjonani li, meta morna lura d-dar, tlajt fil-kamra tal-bejt, sibt biċċa karta ta' lewn ismar, li dari kienu jgeżwru z-zokkor fiha u bdejt inħarbex daqsxejn ta' storja. Lill-Indjan għamiltu jiġġerra ġo bosk, waqt li s-sema kien mgħobbi bi sħab lewn iċ-ċomb u r-ragħad ikarwat u l-beraq ileħħ. Fl-aħħar, dak l-imsejken sab kenn f'razzett ċkejken abbandunat u, għal ftit tal-ħin, serraħ rasu li kien ħeles mill-qilla ta' dik it-tempesta. Imma ma damx wisq għax, meta mar ikebbes in-nar bi ftit ħatab li sab ġo rokna ħa jisħon, bla mistenni, jara xbiha ta' raġel ikrah u qalil, iberraq għajnejh u jgħeżżeż snienu, ħiereġ minn ġol-ħajt!

Min jaf, forsi dak id-daqsxejn ta' rakkont, għalija kien l-ewwel żerriegħa li, iktar tard, xettlu ġo fija l-ħeġġa li nikteb għadd ta' stejjer tal-waħx.

# Żbalji postali

*Kitba ta' Antoine Vassallo*

**Kristofru Colombo**

Fl-1992, ma kinux ftit il-pajjiżi li fakkru l-ħames ċentinarju mill-iskoperta tal-Amerika, kif insejħulha din il-ġrajja mingħajr ma nkunu korretti għax, fil-fatt, dan il-kontinent kien ilu magħruf u abitat mill-bniedem. Naturalment, il-posta tal-Istati Uniti ma baqgħetx lura u diversi pajjiżi oħrajn, fosthom Malta, għamlu l-istess. Imma jien ser niffoka fuq l-Italja li tħobb tiddandan b'dan il-Ġenoviż li, in ċidentalment, ismu, mhux il-pajjiżi kollha jispelluh l-istess. It-Taljani ma kkuntentawx b'sett wieħed għax, miegħu, anki żiedu ieħor ibbażat fuq adattament ta' bolli tal-Istati Uniti stess. Reġgħu użaw id-disinji ta' bolli li, oriġinarjament, inħarġu fl-1893.










Bolla minnhom turi l-"*Flag Ship*" ta' dan l-esploratur. Il-*Flagship* huwa l-bastiment ewlieni ta' flotta u jissejjaħ hekk kemm għax itajjar il-bandiera tal-pajjiż kif ukoll għax, fuq dak il-bastiment, ikun hemm l-ammirall jew xi kmandant ieħor prominenti. Tant hu hekk li, fl-Ilsien Taljan, l-espressjoni li tintuża hija *Nave Ammiraglia*. Imma l-iżball li sar kien għax, fl-Ingliż, il-kelma *flagship* tinkiteb kelma waħda, u mhux żewġ kelmiet, kif tidher fuq din il-bolla.




Biex tkompli tagħqad, xi ħadd żelaq bil-kbir għax, meta qalbuha għat-Taljan, ittraduċewha *bandiera e nave* li ma tagħmilx sens! U s-sabiħa hi li donnu ma nduna ħadd! Allura, dan l-iżball grass insibuh kemm fil-bolla sfuża kif ukoll f'dik bħala parti minn folju b'żewġ bolli oħra fejn it-traduzzjonijiet l-oħra huma korretti. Fuq dan il-folju, jidher b'mod prominenti l-isem ta' Maurizio Robiati li adatta d-disinn. Tgħid il-kliem żbaljat kien xogħlu ukoll?

Inżid nota interessanti. L-immaġini tal-istess bastiment (suppost is-*Santa Maria* ta' Colombo) reġa' ntuża fl-1897 mill-gżira ta' Newfoundland li, aktar tard, saret provinċja tal-Kanada. Din il-bolla ta' Newfoundland suppost li turi l-bastiment, *Matthew* ta' John Cabot jew, aħjar, Giovanni Caboto, li kien il-baħħar Taljan li dar għall-ewwel darba mal-Amerka ta' fuq fi tmiem is-seklu ħmistax. Jiġifieri, f'bolla minnhom, dik tal-Amerka, il-bastiment suppost li huwa s-*Santa Maria* ta' Colombo filwaqt li fl-oħra, dik ta' Newfoundland, l-istess immaġini suppost li juri l-bastiment *Matthew* ta' John Cabot. Ovvjament, illum m'għandniex ritratti ta' dawn iż-żewġ bastimenti u, allura, ma nafux lil liema minnhom jixbaħ l-iktar. Barra minn hekk, għalkemm, mid-dehra, il-bandiera bidluha kemm kemm, xorta waħda għadha tidher tperper kontra r-riħ.

Billi Kristofru Colombo huwa persunaġġ storiku importanti ħafna, mhux biss ma jingħaddux il-pitturi tiegħu imma, naturalment, anki l-iżbalji. Fl-1903, St Kitts-Nevis, waħda mill-gżejjer Antilli fil-Karibew, bdew joħorġu l-bolli u għażlu li juru lil Colombo jgħarrex ix-xefaq b'teleskopju m'għajnejh. Dan huwa tip ta' żball li jissejjaħ anakroniżmu għax, fir-realtà, Colombo qatt ma seta' kellu teleskopju f'idejh minħabba li dan l-istr ument kien fadallu ftit tas-snin oħra sakemm tfaċċa. Imma donnu li din ħadd ma ġietu f'rasu għax, kif nistgħu naraw minn dawn iż-żewġ bolli li jidhru hawn taħt, l-istess disinn baqa' jintuża anki sa ħamsin sena wara.




